MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Numru 518/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Peter Paul Zammit**
**Spettur George Cremona**
**Spettur Angelo Caruana**
**v**

**NORMAN LOWELL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NORMAN LOWELL** ta' disgha w hamsin sena bin Albert u Catherine nee Grech, imwieled l-Gzira nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 1946 u residenti 'Halcyon', 44, Triq z-Zaghfran, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 621346M gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi;

1. Fir-Rabat, Malta, nhar t-tlieta t'April 2006, uza kliem jew imgieba ta' theddid abbuziv jew

insulenti, jew xort'ohra gab ruhu b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk qajjem mibgheda razzjali jew b'hekk holoq l-probabbilita li meta wiehed iqis c-cirkostanzi kollha, titqajjem mibgheda razzjali;

2. Talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar t-tmienja ta' Mejju 2006, uza kliem jew imgieba ta' theddid abbuziv jew insulenti, jew xort'ohra gab ruhu b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk qajjem mibgheda razzjali jew b'hekk holoq l-probabbilita li meta wiehed iqis c-cirkostanzi kollha, titqajjem mibgheda razzjali;

3. Talli bejn Dicembru 2003 w s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006, permezz ta' artikolu bit-titolu 'Coming Cataclysmic Crises', uza kliem jew imgieba ta' theddid abbuziv jew insulenti, jew xort'ohra gab ruhu b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk qajjem mibgheda razzjali jew b'hekk holoq l-probabbilita li meta wiehed iqis c-cirkostanzi kollha, titqajjem mibgheda razzjali;

4. Talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar nhar t-tmienja ta' Mejju 2006 uza kliem, ghemil jew gesti li jingurjaw jew jinsulentaw jew imaqdru lil persuna tal-President ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta' Settembru 2006 [fol 121] sabiex f'nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sitta ta' Ottubru 2006, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita [fol 122].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hmistax ta' Frar 2008.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed s-Supretendent Peter Paul Zammit** [fol 13] fejn qal li ghal habta ta' Mejju 2006, hu kien gie mitlub mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jevalwa diversi stanza u in partikolari d-diskorsi u kitbiet li saru mill-imputat Norman Lowell li dehru fuq s-*site* tal-*internet* bl-isem 'VivaMalta.org'. Sussegwentement hu dahal fuq l-imsemmija *site* li sa dakinhar kienet ghadha miftuha u fil-fatt hu hareg *printout* ta' tlieta w erbghin faccata li jidhru fuq l-istess *site*, liema *printouts* esibixxa bhala Dok. PPZ 1 [fol 18].

Qal li effettivament meta wiehed jara l-ewwel faccata tas-*site* jinduna li l-kliem u l-artikoli li hemm fuq in-naha tal-lemin estrem, huma neqsin ghax is-*site* qeghda miftuha hafna izjed. Hu esebixxa bhala Dok. PPZ 2, l-ewwel faccata ta' din is-*site* w ghamel referenza ghal dak li hemm fuq in-naha estrem tal-lemin u cioe ghal zewg siti msejjha 'Norman Lowell May Monday Clubs Beach', liema zewg *videos* hu nizzel minn fuq is-*site* w ikkopja fuq CD li esebixxa.

Minn fuq l-istess *site* nizzel ukoll kopja ta' l-artikolu li huwa iffirmat 'Imperium 0312' taht l-isem ta' Norman Lowell, liema artikolu huwa ntitolat 'Coming Cataclysmic Crises'. Fuq dan l-artikolu kif ipprintjat, jirrisultaw diversi kliem u paragrafi li huma *highlighted* u dan huwa il-perm partikolari tal-akkuzi odjerni.

Zied jghid li wara li ezamina l-artikolu intitolat 'Coming Cataclysmic Crises', li esebixxa bhala Dok. PPZ 4, rrizultawlu hafna referenzi u kliem li jammontaw ghal mibgheda razzjali, in partikolari bhala dak li huwa mmarkat bhala il-'Hero', persuna li fiha ssir ir-referenza diretta ghal Hitler u l-azzjonijiet tieghu. Huwa mmarka fuq dan l-istess dokument dak li fil-fehma tieghu kien jammonta ghal mibgheda razzjali. Fuq dan l-istess dokument hemm l-artikolu intestat 'The Tribe' li jaghmel

referenza ghall-istat t'Israel li huwa definit bhala stat terrorist, kif ukoll hemm xi kliem immarkat bhal '*the vipers then in the middle east when every international road end and retires'* kif ukoll li lill-istess Jews jigu msemmija bhala '*parassites*.'

In segwitu taht it-titolu 'War is Life' hemm mmarkat il-paragrafu partikolari '*War is self-overcoming . . . .*' u jispicca '*inferior races*' li huma l-bazi tal-artikolu kif dedott llum taht l-artikolu 82(a) tal-Kap 9.

Spjega li 'n segwitu ra wkoll il-*posting* minn fuq dan is-*site* li taghha esibixxa CD rigwardanti laqgha li saret fin-Nigret Night Club fit-tlieta t'April 2006, li tidher li hija *recording* ta' diskors li ghamel Norman Lowell lil diversi nies li seta' kien hemm presenti, fejn, fost id-diskors li ntqal, kien hemm dawn il-kliem partikolari '*viscious Sudanese*', '*Malta tintebah bin-Negri*', '*scuttle their boats*' u '*nkun jien li naghti l-ordni to shoot*' li fil-fehma tieghu huma l-bazi tal-artikolu 82(a).

In segwitu, kompla jghid ix-xhud, hu ra wkoll it-tieni *video*, dak li jirrizulta mis-*site* li sar fit-tmienja ta' Mejju 2006 gewwa l-istabbiliment Fra Ben. Qal li dan ukoll huwa *recording* ta' diskors li ghamel Norman Lowell. F'dan id-diskors kien hemm referenza ghall-President ta' Malta bhala President Dumumba u jghidlu '*you are a bloody good gardener but a lousy President.*' In segwitu kien hemm ukoll il-kliem li hu rrimarka bhala '*Afrikani mill-Katanga*', '*ipokriti Kristjani, Kristjani u Marxisti*', '*indahhlilhom il-froxxna bejn ghajnejhom*' u referenza ghal '*qarnita sewda b'ghajnejha hodor*.' Qal li f'dawn ic-cirksotanzi hass li kien hemm il-bzonn li jkellem lill-imputat Norman Lowell. Zied jghid li hu talab Mandat lill-Magistrat tal-ghassa, liema Mandat effettivament gie rilaxxjat, liema dokument gie esibit bhala Dok. PPZ 5.

Spjega li 'n segwitu, Norman Lowell gie arrestat w ittiehed id-Depot tal-pulizija fejn fis-sebgha ta' Mejju 2006 ttehditlu stqarrija li anke ghazel li jiffirma. Din l-istqarrija giet ukoll esibita bhala Dok. PPZ 6 u giet rilaxxjata wara li Norman Lowell inghata t-twissija. Giet ukoll ffirmata mill-istess

Norman Lowell, minnu u mill-Ispettur George Cremona, li kien presenti waqt it-tehid tal-istess stqarrija u fuqha gharaf il-firem tieghu, tal-imputat kif wkoll tal-Ispettur George Cremona. Wara, zied jghid x-xhud, hu kompla b'xoghol iehor u beda jara il-kuntest ta' dak kollu li sa dak l-hin kien irrizultalu, u hu u l-Ispetturi George Cremona u Angelo Caruana ppruvaw jikkjarifikaw xi punti ohra, u wara li ghalqu dawn l-investigazzjonijiet, ressqu dan l-kaz quddiem din il-Qorti.

In kontr'ezami, x-xhud Supretendent Paul Zammit qal li nonostante li f'kull stqarrija rilaxxjata mill-imputat hemm miktub li l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija, qal li effettivament wara li qara din l-istess stqarrija, huwa kien ghazel li jiffirma, kif del resto jidher mill-ezami ta' l-istess stqarrija. Qal li bhala procedura huma dejjem jispiccaw l-istqarrija bil-kliem li huwa ghazel li ma jiffirmahiex peress li sa dak l-istadju ma jkunx ghadu ffirmaha u sussegwentement, meta dak li jkun jaghzel li jiffirmaha, huma jhassru l-kliem 'ma niffirmax' pero f'dan il-kaz ma hassarhomx.

Spjega li fid-Dok. PPZ 4, ghamel *highlighting* ta' dak, li fil-fehma tieghu huwa l-iktar car rigward l-akkuzi li gew moghtija fil-konfront ta' l-imputat odjern. Dak li jirrizulta mill-*videos* esebiti u cioe mis-CD, ukoll huma fl-opinjoni tieghu, l-iktar instanzi cari fejn l-imputat m'irregolax ruhu mal-ligi.  Qal li hu sar jaf b'dawn il-laqghat li kellu l-imputat, minn *downloading* li ghamel mill-*computer* wara li gew nnutati lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Mistoqsi jekk il-post fejn saru l-laqghat, hux post privat, ix-xhud qal li le mhux, peress li kemm in-Nigret, kif ukoll il-Fra Ben huma postijiet miftuhin ghall-pubbliku u fil-fehma tieghu, ma humiex postijiet privati, izda huma postijiet pubblici.  Mistoqsi jekk iccekkjax jekk dakinhar l-attivita in kwistjoni kienitx wahda privata tal-imputat u shabu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.  Qal li l-imputat, fl-istqarrija li huwa rrilaxxja, kkonferma l-kontenut ta' dak li effettivament gara dakinhar f'dawn iz-zewg laqghat, kif ukoll dwar il-kitba tal-'Coming Cataclysmic Crises', [Dok. PPZ 4], kitba li effettivament kienet kitba tieghu.  Zied

jghid li hu fl-ebda hin ma kien presenti ghal dawn il-laqghat. Mistoqsi jekk kienx il-Kummissarju tal-Pulizija li rreferih ghall-artikolu ‘Coming Cataclysmic Crises’, ix-xhud wiegeb li ma kienx cert minn dan. Qal li una volta dahlu fis-*site* ta’ ‘Viva Malta’, bdew jaraw l-artikolu ’n kwistjoni.

Mistoqsi x’kien l-objettiv li hu ghazel il-granet u dati ndikati fl-akkuzi, x-xhud wiegeb li dak li jirrigwarda dak imsemmi fit-tielet akkuza, hija data li kienet tirrizulta mill-istess artikolu u mill-istqarrija tal-imputat u d-data li hemm fuqu nnifsu. Qal li s-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006 hija l-ahhar data li deher, fil-fehma tieghu, li kien hemm xi tibdil fuq il-post fejn effettivament kien hemm dan l-artikolu ‘Coming Cataclysmic Crises’.

Mistoqsi jghid x’ikkonferma l-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu, wiegeb li hu ikkonferma d-domandi li sarulu u wara li kienu ghaddewlu kopja ta’ l-istess artikolu li gie esebit il-Qorti u mmarkat bhala Dok. PPZ 4, kien hu stess li qalilhom li kiteb dan l-artikolu hafna zmien qabel ma gie *posted*. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, l-imputat qatt ma stqarr li kien hu li ppostja dan l-artikolu. Mistoqsi jekk jafx min kienet il-persuna li gibdet il-filmat li esibixxa, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar l-erbatax ta’ Gunju 2007 **rega’ xehed s-Supretendent Peter Paul Zammit** (fol 187) fejn mistoqsi ghaliex effettivament wasal sabiex iressaq lill-imputat l-Qorti, spjega li huwa jokkupa l-kariga ta’ Kap tal-Prosecuting Unit tal-Pulizija u hass li dan il-kaz kellu bzonn assistenza legali, molto piu meta tqis li r-reati addebitati lil imputat, huma relattivament godda fil-ligi taghna. Qal li l-kaz in kwistjoni spicca ghandu *through the normal channels* ghal investigazzjoni. Spjega li mill-investigazzjoni li ghamel rrizultalu mill-evidenza li kellu, li kien hemm bizzejjed provi biex iressaq lill-imputat fuq l-akkuzi li addebitah bihom hu.

Qal li lilu kienu mibghuta minuti kemm minn ufficini bhal Cyber, kif wkoll minn subalterni tieghu. Cahad dak li suggerit d-difiza li kien hemm struzzjonijiet politici, anzi qal

li kienu struzzjonijiet tas-superjuri tieghu, u cioe l-Assistent Kummissarju w il-Kummissarju. Spjega li c-CMRU hija *Community and Media Relations Unit* li tiehu hsieb, b'mod partikolari s-sentenzi tal-Qorti w affarijiet simili u referenzi ghal ittri li jiktbu n-nies fil-*press* fosthom dawk dwar *racial hatred*. Kompla jghid li s-CMRU huwa maghmul minn erbgha min nies, fosthom l-Ispettur Kenneth Haber w is-Surgent Fabri.

Ikkonferma li waqt l-ezami principali ta' dak li kiteb l-imputat, huwa ghamel sottolinear u *highlighting* ta' certu partijiet minn dak li qal l-imputat w irrizutlalu li a bazi ta' l-istess setgha jressaq lill-imputat il-Qorti w effettivament hekk ghamel. Qal li hu ma baghat ghal hadd li kien prezenti l-Buskett fis-sena 2006. Cahad li qatt baghat ghal xi persuni li kienu prezenti ghal xi laqgha ohra li saret.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed l-Ispettur George Cremona** [fol 81] li qal li fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2006, hu kien parti mill-investigazzjoni flimkien mas-Supretendent Peter Paul Zammit u bdew jinvestigaw l-allegazzjonijiet dwar xi reati dwar mibgheda razzjali u *contempt of the President*. Qal li sussegwentement ottjenew Mandat t'Arrest u fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2006 fejn l-imputat gie arrestat u mehud id-Depot, fejn huwa rrilaxxja stqarrija li huwa ghazel li jiffirma u f'wahda mill-mistoqsijiet huwa kkonferma li l-filmati li hemm fuq il-*website* 'Viva Malta' rigward il-*filming* tan-Nigret Club u tal-Fra Ben, huma riproduzzjoni fidila u *not altered*.

Spjega li sussegwentement wara nofsinhar, ittehditlu stqarrija ohra fuq liema x-xhud gharaf il-firem tieghu, tal-imputat Norman Lowell u tal-Ispettur Angelo Caruana u wara li l-imputat inghata s-solitu twissija, huwa ghazel li jiffirmaha. Sussegwentement imbaghad inhargu c-*charges* relattivi u tressaq il-Qorti.

Spjega li l-investigazzjoni li huma ghamlu bhala Korp tal-Pulizija, kien dejjem fuq il-*website* u cioe fuq il-kontenut taghha. Nies pero viva voce jitkellmu fuq dan is-suggett, huma ma semghux. Qal li l-imputat qatt m'ammetta

maghhom li kien hu li ghamel il-*postings* ta' dawn l-artikoli. Zied jghid li l-imputat ikkopera hafna maghhom tul din l-investigazzjoni.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Angelo Caruana** [fol 85] fejn qal li hu kien presenti ghat-tieni stqarrija li rrilaxxja l-imputat u cioe dik tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2006, wara nofsinhar. Qal li din l-istqarrija ttiehdet wara li l-imputat gie moghti s-solitu twissija w ittiehdet mill-Ispettur George Cremona u l-istess Spettur George Cremona kien taha kopja ta' din l-istqarrija lill-imputat sabiex jaqraha u wara li qraha, l-imputat kien ghazel li jiffirmaha. Ikkonferma li waqt li huma kienu qed jitkellmu mal-imputat, ikkjarifikaw xi kliem li qal, irrepeta l-istess kliem li kien qal iktar kmieni filghodu u qal ukoll li huwa jemmen f'dak il-kliem li kien qal, kemm fil-konfront ta' nies li ghandhom karnagjon differenti u kemm dawk il-kliem li qal fil-konfront tal-President ta' Malta. Spjega li waqt li kienet qed tittehidlu din l-istqarrija, huma dahlu fis-*site*, tellghu dan il-filmat u l-imputat ra dan il-filmat u talabhom biex jieqfu milli jkomplu jarawh w kkonferma li kien hu li kien jidher fih.

Mistoqsi jekk l-imputat kkonfermax li ma kienx hu li ghamel dawn il-*postings* tal-artikolu fuq il-*website*, ix-xhud qal li din il-kwistjoni qatt ma tqajjmet u ghalhekk la kkonferma u lanqas nnega, ghax qatt ma gie mistoqsi din id-domanda, almenu fil-presenza tieghu. Qal li waqt li kienu qed jaraw dan il-filmat l-imputat kien konxju tieghu u fil-fatt kien hu stess li qalilhom li l-*film* li kienu ser juruh ma kienx daqstant car. Qal li hu kien konxju taghhom. Kompla jghid li l-imputat ikkonferma wkoll li dawn il-laqghat u filmati kienu kwistjoni regolari ta' bejn il-hbieb jew segwaci tieghu. Qal li hu kien qal lil imputat li 'ghad inkun hemm' u hu kien irrispondih li kien *welcome* biex immur.

Mistoqsi jekk kienitx biss laqgha bejnu u bejn il-hbieb tieghu, ix-xhud qal li effettivament l-imputat kien qed jindirizza xi hbieb tieghu, pero ma kienx jaf jekk kienx hemm xi ohrajn li setghu kienu hemm ukoll. Mistoqsi jekk kienx presenti waqt li l-imputat rrilaxxja l-ewwel stqarrija,

ix-xhud wiegeb li kien hemmhekk pero diehel u hiereg fl-ufficcju, pero fit-tieni stqarrija u cioe dik esebita mill-Ispettur George Cremona, hu kien presenti il-hin kollu. Ghar-rigward l-istqarrija tas-Sur George Cremona, kompla jghid x-xhud, l-imputat kien ghazel li jiffirmaha w effettivament hekk ghamel fuq iz-zewg faccati taghha.

Illi b'digriet tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, il-Qorti nnominat lil Doctor Steven Farrugia Sacco sabiex jaghmel *downloading* ta' dak kollu li jinsab inserit fid-Dok. PPZ 3 u jaghmel kull *transcript* ta' kwalsiasi *speech* li jirrizulta f'dan l-istess CD.

Illi nhar l-erbgha ta' Awissu 2006 deher **Dottor Steven Farrugia Sacco** [fol 106] u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala Dok. SFS. Din r-relazzjoni tikkonsisti fi *transcript* ta' dak kollu li ntqal fis-CD mill-imputat.

Illi nhar s-sbatax ta' Awissu 2006 **rega' xehed Dottor Steven Farugia Sacco [fol 110]** li qal li hu kien gie nominat b'digriet tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, sabiex jaghmel *transcript* tal-kontenut ta' Dok. PPZ 3, konsistenti f'CD u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. SFS, kopja ta' liema hu ghadda lill-prosekuzzjoni. Qal li fost it-*transcripts* li hu ghamel, hemm xi kliem li hu ma fehmux w ghalhekk ghamel 'xxx' *in bold*.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2006 **rega' xehed Dottor Steven Farugia Sacco** [fol 123] li qal li hu fil-fatt nizzel kull dokument li kien hemm fis-CD li ghamel it-*transcript* tieghu. Jekk dak li kien hemm fis-CD kienx diga gie esebit jew le fil-process, ix-xhud qal li dak ma setghax jghidu ghaliex ma kellux access ghall-process. Qal li kien hemm certu parti li halla b'sottofond griz fit-*transcripts* ghaliex ma kienx konvint mija fil-mija minn dak li semgha. Kien hemm bicciet ohrajn li hu ma setghax jifhem il-kliem w ghalhekk hallihom *blank*. Qal li jekk mhux sejjer zball, mill-memorja tieghu hu ra zewg *videos*, u fihom kien hemm Norman Lowell qed jaghmel *speech* u ex admissis jghid '*and he was being cheered for what he was saying*.' Mistoqsi jekk kienx hemm balla nies madwaru, ix-xhud

wiegeb li hu ma setghax jghid jekk kienx hemm nies jew le ghaliex il-*camera* kienet biss iffukata fuqu. Qal li c-*cheering* huwa minn dak li semgha, mhux minn dak li ra. Qal li mid-*downloading* li ghamel irrizultalu li l-imputat kien speci qed jitkellem man-nies u fil-fatt semgha lil imputat fid-diskors tieghu, jindirizza lil xi hadd biex jaghlaq il-bieb u sussgwentement semgha bieb jinghalaq. Qal li hu nizzel id-diskors tal-imputat kelma b'kelma. Qal li setgha kien hemm xi persuna jew tnejn li telghu hdejn l-imputat waqt li hu qed jitkellem. Qal li hemm certu parti fid-diskors tieghu li gew *highlighted* minnu. Qal li dan kien kliem li dehrlu li ntuza pero jew minhabba ghajjat jew minhabba l-fatt li l-imputat biddel il-lingwa mill-Malti ghall-Ingliz u gieli ghal Latin u hekk, qal li ovvjament l-impressjoni tieghu kienet dik, pero ma setghax ikun cert.

Illi **nhar t-tmintax ta' Ottubru 2006 il-Qorti rat s-CD** esibita fl-atti sabiex tkun tista hija stess tikkonstata l-fatti u dan fil-presenza tal-Ufficjali Prosekuturi s-Supretendent Peter Paul Zammit, l-Ispettur Angelo Caruana, l-imputat u l-avukat difensur tieghu.

Illi dakinhar stess waqt l-istess seduta, <u>l-Qorti vverbalizzat</u> fil-presenza tal-partijiet koncernati, s-segwenti u cioe li "**waqt il-wiri tas-CD il-prosekuzzjoni ndikat fil-presenza tal-imputat, dik il-parti li fil-fehma taghha, tikkostitwixxi mibgheda razzjali. Il-prosekuzzjoni ghamlet referenza ghar-relazzjoni tal-espert Doctor Stephen Farrugia Sacco, a fol 22 [l-ahhar paragrafu] li l-Qorti, fil-presenza tal-partjiet kollha koncernati, qed timmarka b'highlighter. Dan il-paragrafu jibqa ghaddej ghal pagna 23. Il-prosekuzzjoni ndikat wkoll l-paragrafu sussegwenti a fol 23. Il-partijiet jaqblu li l-kelma nieqsa a fol 25, fejn hemm 'XXXOO' [hin 21.12.8], ghandha tinqara 'mia'. Il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-ewwel sentenza fit-tieni [2] paragrafu ta' din l-istess faccata, tikkostitwixxi mibgheda razzjali. Issir wkoll referenza mill-prosekuzzjoni, ghal paragrafu 'C' f'nofs pagna 26, u z-zewg paragrafi sussegwenti, li jispiccaw a fol 27, li jispicca bl-isem "Etoal". Issir wkoll referenza mill-prosekuzzjoni, a fol 29, l-ahhar parti tal-ewwel paragrafu u nofs t-tieni, t-**

**tnejn immarkati permezz ta' highlighter. Issir wkoll referenza mill-prosekuzzjoni, ghal paragrafu tan-nofs a fol 30, kif indikat w immarkat b'highlighter seduta stante. Issir wkoll referenza mill-prosekuzzjoni, a fol 32 li tispicca a fol 33, wkoll immarkata b'highlighter. Issir wkoll referenza mill-prosekuzzjoni, a fol 42, li wkoll hija highlighted. Issir wkoll referenza mill-prosekuzzjoni, ghal ewwel paragrafu a fol 44 b'referenza ghal ewwel [1] akkuza. B'referenza ghar-raba [4] akkuza, il-prosekuzzjoni tissottolinea bil-linka blue, dik il-parti li fil-fehma taghha, tikkostitwixxi ngurja lejn il-persuna tal-President ta' Malta. Il-prosekuzzjoni tindika wkoll z-zewg paragrafi ohra a fol 45 ai fini tar-raba [4] akkuza filwaqt li tindika l-ewwel paragrafu a fol 45, ai fini tat-tieni [2] akkuza. Il-prosekuzzjoni tindika a fol 46 u fol 47, ghal dik l-parti f'italics b'referenza ghal ewwel [1] akkuza. Il-prosekuzzjoni tindika wkoll l-paragrafu highlighted a fol 48, u dan rigward l-ewwel tlett akkuzi. Il-prosekuzzjoni tindika wkoll l-ahhar paragrafu a fol 56 sal-ewwel paragrafu a fol 57.**
**Issir wkoll referenza mill-prosekuzzjoni, ghas-sentenza f'nofs pagna 64 wkoll highlighted. Il-partijiet jaqblu li l-persuna li qed titkellem f'dawn iz-zewg laqghat li sehhew fin-Nigret nhar t-tletin ta' April 2006 u fi Fra Ben l-Qawra nhar t-tmienja ta' Mejju 2006, huwa l-imputat odjern. Il-partijiet jaqblu wkoll li f'dawn il-laqghat l-imputat kellu udjenza."**

Illi nhar t-tmienja ta' Novembru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 128] fejn, meta saritlu referenza ghall-istqarrija rilaxxjata minnu fl-ufficju tal-Ispettur George Cremona nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2006, liema stqarrija tinsab inserita fl-atti a fol 77 mmarkata bhala Dok. PPZ 6, qal li din l-istqarrija giet rilaxxjata minnu ghall-habta tal-hdax ta' filghodu. Ix-xhud, wara li regghet giet moqrija lilu mill-Qorti l-istess stqarrija, ddikjara li fehemha sewwa w ikkonferma l-kontenut taghha. Qal li meta fl-istqarrija semma il-hin, il-hdax, ridt infisser il-hdax ta' bil-lejl. Ikkonferma li hu *foreign member* biss tal-'Imperium Europa' u m'ghandu ebda kontroll ta' xejn fuq din il-*website*. Spjega li d-diskrezzjoni jekk

jittellghux *speeches* tieghu jew le fuq is-*site*, ma tiddependix minnu izda mill-amministrazzjoni, fil-fatt diversi *speeches* tieghu li jkunu tajbin mill-punto di vista ta’ storja, ma jigux imtellghin fuq din l-istess *site* ghal ragunijiet ta’ l-istess amministrazzjoni. Zied jghid li meta l-amministrazzjoni ticcensura xi *speech* tieghu u tiehu d-decizjoni li ma tippostjax dan l-*speech*, ma jiehu l-ebda pass kontra dan u dan ghaliex hu liberteran u tolleranti hafna.

Mistoqsi x’inhi d-differenza bejn ‘Imperium Europa’ u ‘Viva Malta’, ix-xhud wiegeb li bhala principju hu jemmen fid-*duality of nature*, li kollox huwa maskili u femminili bhall-univers. Qal li fil-politika ghandek dik li hija maskili li hija ideologija imperjali ta’ faxxizmu u filosofiji politici li huma femminili li huma l-*excellance* fid-demokrazija. Zied jghid li fil-moviment taghhom ghandhom *the duality, male and female* u hu l-‘Imperium Ewropa’ li hu l-*leader* taghha, li hija strettament maskili.

Spjega li minn naha l-ohra hemm ‘Viva Malta’, li hu mhux l-kap taghha, li sa llum il-gurnata ma hemmx kap ghax rridu jiddeciedu, idealment tkun mara peress li din hija ideologija femminili. Ix-xhud taha ezempju bhal tazza tal-inbid fis-sens li tazza huwa l-‘Imperium Ewropa’ waqt li l-inbid ta’ got-tazza huwa l-‘Viva Malta’. Qal li l-Imperium jipprotegi in-nazzjon ta’ Malta.
Fis-socjeta taghna, zied jghid x-xhud, l-individwu jista jaghmel dak li jrid, li jfisser li l-individwu huwa liberu totalment, jista jaghmel dak li joghgbu, basta pero ma jimpingix fuq id-drittijiet ta’ ohrajn, ta’ terzi. Qal li l-Imperium ma jindahalx fil-liberta tan-nazzjon acetto hames affarijiet biss, l-ispiritwalita, li hija l-antikresi tal-Kristjanezmu u dan ghaliex l-‘Imperium’ huwa maskili u mhux femminili. It-tieni wahda hija l-kultura gholja tas-socjeta, liema kultura hija infuza minn nazzjonijiet li ma jkollhomx nies bhal Jerry Springer u Peppi Azzopardi, fis-sens li jinvolvu lis-socjeta, t-tielet wahda hija razza, fis-sens li l-Imperium jkollu l-frontieri tieghu ssigillati u kull razza tghix skond il-kultura taghha u dan skond il-*genetic make up* ta’ dik l-istess razza. Qal li importanti ghalih li jfakkar li l-Griegi kienu elfejn u hames mitt sena ilu, diga

kienu stabbilew d-distanza li hemm bejn *earth* u *the moon*. Ir-razza hija mporanti mill-punto di vista ta' civilta, kompla jghid x-xhud. Ir-raba wahda, zied jghid, hija *high quality* li jfisser li dak kollu li jikkoncerna l-'Imperium' u kwalsiasi haga ohra li tinsab barra l-fruntieri ta' l-istess 'Imperium' fic-cirkostanzi taqa taht 'Imerpium'. Qal li l-ahhar wahda hija dik tat-territorium, fis-sens li ma jkunx hemm lanqas pulzier cedut lil terzi, u dan ghaliex l-ispazju fejn wiehed jghix huwa importanti, u kull razza tizviluppa skond il-qies taghha. Qal li ghal dan il-ghan hemm zewg *sites* differenti, wahda hija 'ImperiumEwropa.org' u l-ohra hija 'VivaMalta.org' li hija miftuha ghall-poplu kollu.

Mistoqsi allura kif l-*speeches* li jaghti ghan-nom u fl-interess ta' 'Imperium Ewropa' jispiccaw *posted* fuq is-*site* ta' 'Viva Malta', ix-xhud wiegeb li hu m'ghandu l-ebda kontroll fuq dawk li jipproducu 'Viva Malta'. Qal li l-ahjar *speeches* tieghu ma gewx riprodotti. Pero nonostante kwalsiasi persuna jista jipposta dak li jrid fuq is-*site* ta' 'Viva Malta'.

Mistoqsi jispjega x'inhu ezattament 'Imperium Ewropa', ix-xhud wiegeb li din hija organizzazzjoni maghmula minn numru ta' nies. Qal li huma qed jaraw is-socjeta taghhom tisfaxxa fix-xejn, qeghdin jirribellaw kontra taghha, u dan billi jesprimu l-opinjoni taghhom tramite 'Imperium Ewropa'. Qal li huma jirribellaw permezz ta' battalja bil-kultura, li jfisser li r-ribelljoni taghhom, trid tkun tramite spiritwalita, li trid tkun wahda differenti w jbiddlu l-kultura, per ezempju anke l-vizjoni li Malta qed ssir *jungle of concrete*. Spjega li huma, fir-ribelljoni, qed jaraw *un'altra visione del'mondo*, *a new approach*, fis-sens hija battalja mill-politiku u kultura li jfisser li ma hemmx aggressjoni. Qal li hu qatt ma ried ifisser bil-kliem tieghu li xi hadd ghandu jmur joqtol jew jaghmel hsara lil haddiehor. Fil-fatt, wara kull *meeting* u dak ix-xoghol kollu, kulhadd jirritorna lura lejn daru b'mod pacifiku. Qatt ma kien hemm l-ebda incident t'aggressjoni jew haga ohra. Fil-fatt dawn l-affarijiet, anzi jikkrejaw hsara lilhom. Il-moviment 'Viva Malta' ghandu ftit mijiet ta' membri, pero ghandhom ukoll *a lot of silent support* u m'humiex strutturati apposta, u dan apposta, biex ma jghamluhiex facli ghal *tyrannical*

*establishments* li jakkuzawh illum ghax jkun jista jhabbatthom. F'kaz li hemm bzonn li jigu ristrutturati, jaghmlu dan f'temp ta' ghaxar minuti.

Mistoqsi min hi l-*establishment* li ressqitu lil hawn, ix-xhud ghazel li ma jwegibx din id-domanda ghaliex fil-fehma tieghu, din hija kawza politika. L-organizzazzjoni, zied jghid x-xhud, li hija *right wing* li hija l-Germanja u Franza u Ingilterra, tigi infiltrata minn *establishments* u mkissra bi glied intern u sussegwentement tispicca jkun hemm *split* u jiffurmaw partiti izghar ohra. Bhala ezempju ix-xhud qal li meta l-Ingilterra kien hemm in-*National Trust*, kellha eluf ta' voti, gie nfiltrat, sussegwentement dan il-partit gie maqsum u hadd minnhom ma tela'. Fil-fatt UKIP gie mahluq biex ikisser l-eredi ta' dan it-tron u hu ma jixtieqx li jigri hekk hawn Malta u b'hekk huma ma jridux jikkrejaw moviment. Qal li una volta l-pajjiz jigi *down the tube,* imbaghad f'qasir zmien l-*establishment* ma jkollux ic-cans biex ifarrak u jimplementa *his nefarious intention*.

Mistoqsi ghal liema raguni huma jzommu l-attivitajiet imsemmija minnu fl-istqarrija rilaxxjata minnu, ix-xhud qal li l-*club* taghhom huwa <u>miftuh ghall-pubbliku</u> u kwalsiasi persuna tista tattendi u fil-fatt l-atmosfera hija wahda amikevoli. Qal li fil-fatt hafna konviventi jigu biex jisimugh. Qal li l-ghan taghhom huwa *to reinforce* il-messagg taghhom u naturalment *to strengthen the bond of friendship* ezistenti bejniethom. Fil-moviment din tinghata importanza massima. Il-*bond of friendship* taghhom, zied jghid ix-xhud, tkun vertikali, mhux orizzontali u dan ghaliex hija rikjesta hekk minn natura taghhom stess.

Mistoqsi jekk 'Viva Malta' ghandhiex l-istess principji, ix-xhud wiegeb li hemm certu sottiletti u dan ghaliex huma *liberterians*. Il-BBQ u l-*annual meeting* jaqghu taht il-'Imperium Ewropa'. Dawn il-laqghat u *speeches* jsiru bil-ghan li huma jsahhu r-relazzjoni ta' bejniethom b'mod vertikali u li ma hemm l-ebda objettiv ta' theggig kontra hadd. Qal li hu hadd qatt m'oggezzjona ghalih u dan ghaliex hu persuna libera u jghid dak li jrid hu, naturalment dak li jemmen fih.

Ikkonferma li l-artikolu bl-isem ‘Coming Cataclysmic Crises’ deher fuq l-*internet* u kien hu li ppostjah fuq is-*site* ‘Viva Malta’ u kellu *coverage* mondjali *from Right Wing Intellectual Circle* u dan ghaliex hija tezi politika w inghata prominenza f’dan ir-*Right Wing Circle*. Jista jkun li kien l-incident tad-disgha ta’ Novembru li mpingih jikteb dak l-artikolu u kiteb dak l-artikolu ghal vizjoni mondjali. Fil-fehma tieghu kien *tour de cours*. Qal li hu kellu quddiem ghajnejh *the pending collapse of Western Civilization*. Fil-fatt mill-punto di vista tal-kumpilazzjoni ta’ dan l-artiklu din il-kwistjoni, meta kiteb dan l-artikolu ma kellu ebda ntenzjoni ta’ mibgheda razzjali. Spjega li meta kiteb dak l-artiklu kien qed ifisser xejn inqas minn tezi politika. Rega’ ghal darb’ohra rrepeta “*that we are heading for a big crises*.” Fil-fehma tieghu, hu jemmen li fis-sena 2012 ser jkollna *a big Cataclysmic Crises*. Qal li ma dehrlux li kellu ghalfejn jistaqsihom ghalfejn bdew jistaqsuqh dawk id-domandi waqt l-interrogazzjoni tieghu.

Mistoqsi ghaliex jahseb li gie *depicted* dan l-artikolu fost dawk kollha li kiteb, wiegeb, ‘*never underestimate the stupidity of your contemporary, Bernard Shaw.*’ Qal li jekk in realta jista jigi akkuzat fuq kollox, ma jistax jigi akkuzat fuq tezi politika, u dan ghaliex din hija t-tezi politika tieghu. Fil-fatt f’dan l-artikolu hemm biss it-tezi politika tieghu.

Wara li giet moqrija lilu t-tieni stqarrija li hu rrilaxxja fl-istess jum tas-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2006, liema stqarrija hu rrilaxxja ghall-habta tal-erbgha neqsin ghoxrin ta’ wara nofsinhar u li tinsab inserita fl-atti mmarkata GC 1 a fol 83, meta gie mistoqsi jekk l-awtoritajiet ghamlux evalwazzjoni korretta ta’ dak li qal hu fuq l-Eccellenza tieghu l-President ta’ Malta, ix-xhud qal li f’postijiet iktar evoluti f’*sens ta’ humour*, qed jigu mhallsa biex *they mock* il-presidenti taghhom u l-fatt li hu gie akkuzat li nsulenta lill-President juri *how childish* hu l-president stess. Qal li f’kaz li l-President ghamel xi kwerela u jekk kien hemm xi persuna li ppoppat sidirha biex minghaliha tiddefendieh, iktar in realta waqqghu ghac-cajt. Meta l-President li ghandna qara dawk l-insulenzi bhal per ezempju, meta

kien liebes in-*nappy* bil-labar tas-Super One u gabu ritratti tieghu fuq spallejn Zeppi l-Hafi, ma qal xejn. Din id-darba milli jidher ha ghalih ghaliex persuna bhalu, meta tghid li huwa mar *barbeque* ghand l-immigranti llegali fil-vesti tieghu ta' President tal-pajjiz, *he was giving the wrong message* u fil-fatt Maltin ma marrulux, salv il-Ministru ta' l-Intern l-Onorevoli Dottor Tonio Borg u martu.

Qal li fit-tieni lok, jemmen li huwa indahal fit-twemmin politiku tieghu u dan ghaliex fil-fehma tieghu, il-President mhux l-Attorney General u ma ghandux jindahal. Qal li hu kellu elf u tlett mitt vot *one's* u iktar minn tmint elef vot bhala *two's* u ghal hekk hadd minnhom ma kien qed jigi *persued*. Qal li ghalih, l-President jista jmur jixxejjer. Qal li darb'ohra '*I reiterate d-dritt tieghi li nesprimi ruhi b'mod politiku, ghax fil-fehma tieghi kienet kwistjoni kwerili hafna li jien gejt akkuzat b'hekk*'. Qal li fil-fatt hu ghamel paragun ma l-iktar president intelligenti ta' l-Afrika li warajh hemm universita imsemmija, Marunga. Qal li kien hu li hassu ingurjat b'li qal l-president, *we should be persued*.

Qal li dehrlu li fl-ewwel stqarrija hu kien kkopera mal-pulizija u dan ghaliex hu setgha ma tkellimtx, pero fil-fatt kien rrisponda d-domandi maghmula lilu. Qal li hu gie mizmum go cella minghajr affarijiet tieghu w ghalhekk hassu li l-fatt li regghu baghtu ghalih t-tieni darba fl-istess jum, kienet kwistjoni ta' motivazzjoni politika. Minhabba ragunijiet politici, hu hassu urtat li kien qed jigi trattat b'dan il-mod xejn felici.

Mistoqsi x'ridt infisser bil-kliem elfejn illegali, fl-ahhar paragrafu ta' l-istqarrija tieghu, ix-xhud qal li ried ifisser li l-ammont ta' nies, *illegal immigrants* jidhlu ftit wara ftit u jibqghu dehlin, u fil-fatt hekk gara. Tant hu hekk li l-Onorevoli Ministru tal-Foreign Policy llum il-gurnata qed inewwah li ahna gejna minsija mill-Ewropa dwar din il-problema. Fejn sab li kellu ragun politiku, fil-fatt zamm dawk l-immigranti erbatax il mil boghod minn xtutna. Qal li fil-fehma tieghu, ma dahlux iktar immigranti minhabba t-temp iktrah li kellna. Illum il-gurnata s-sitwazzjoni fil-kuntest imsemmi fl-ahhar paragrafu tat-tieni stqarrija

tieghu, zied jghid ix-xhud, pajjizna qed jiddeterjora minn xahar ghal xahar, mhux daqs kemm ippreveda hu minhabba min qed imexxi dan il-pajjiz u minhabba d-decizjonijiet pero purament biss minhabba fatturi meteorologici. Qal li hu kien qal li l-Gvern ser jitlef il-kontroll tas-sitwazzjoni rigwardanti d-dhul ta' immigranti llegali fix-xtut taghna u fil-fehma tieghu, llum li qed jigri huwa li l-Gvern qed jibghat suldati taghna 'l barra biex jigbru lil dawn in-nies u jdahhluhom fi xtutna. Ghalhekk fil-fehma tieghu tilef kontroll tas-sitwazzjoni. Qal li kien f'dan il-kuntest biss li uza dik il-frazi u li naturalment ma ridtx ifisser kwistjoni ta' kif qed jiggverna l-Onorevoli tal-pajjiz.

Mistoqsi fejn hu effettivament uza kliem ta' mibgheda u theddid jew abuzivi jew insulenti nhar it-tlieta t'April 2006 fir-Rabat, ix-xhud wiegeb li hu mhux konxju ta' dan. Qal li t-tlieta t'April 2006, ma jfisser xejn ghaliex hu jinsab f'battalja politika u jitkellem kuljum w ghalhekk ghalih it-tlieta t'April huwa jum fost l-ohrajn w ghalhekk ma jafx ghal x'hiex qed jirreferu l-prosekuzzjoni. Qal li fl-ebda diskors li ghamel ma kellu l-intenzjoni li jqajjem mibgheda razzjali. Qal li peress li huma partit *out of the main street*, ma jitkellmux bid-djalett taz-zewg partiti u li l-manjiera li jitkellmu huma forsi jinstema *a bit harsh* jew forsi ahjar jistona. Qal li ghalhekk l-intenzjoni tieghu huwa li jghaddi messagg biex iqajjem il-kunxjenza nazzjonali. Haga ohra li xtaq jghid, kompla jghid x-xhud u dan b'referenza ghad-data tmienja ta' Mejju 2006 fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, din id-data per se ma tfisser xejn ghalih.

Qal li hu kiteb l-artikolu 'Coming Cataclysmic Crises' darba u gie mifrux madwar id-dinja kollha u hu ma kellu ebda kontroll kif effettivament dan l-artikolu sussegwentement gie *posted* f'siti ohrajn. Gie ricevut tajjeb hafna *from the right wing party*. Qal li fil-fehma tieghu hu qatt ma qal xi kliem konsistenti f'ingurji jew insulti lejn l-Eccellenza tieghu l-President ta' Malta. Il-kliem li hu qal jaqghu taht *political licence* jew ahjar *humour* u dak li qal kien biss battuta politika fi sfond politiku. Qal li kull ma qal jikkostitwixxi *a humerous jive* fil-konfront tieghu.

Illi nhar s-sebgha ta' Dicembru 2006 **rega' xehed l-imputat** (fol 138) fejn spjega l-i*speech* tieghu li ghamel waqt li kien in-Nigret u dan b'referenza ghall-ewwel akkuza. Qal li l-laqgha taghhom n-Nigret hija '*one of our Monday clubs'*. Qal li huma kull xahar jiltaqghu biex politikament jikkummentaw fuq dak li jkun gara f'pajjizna dak ix-xahar u kulhadd huwa mistieden biex imur basta li jgib ruhu ta' nies. Naturalment, zied jghid, tkun udjenza pre-disposta u lesta ghal dak il-messagg. Qal li peress li l-*establishment* tieghu hija antipatika, hi taghmel minn kollox biex tohloqhom, ma jkunux sorprizi jekk fost l-*establishment* ikun hemm nies provokaturi w imbghad l-ghada fil-gazzetti jpenguhom bhala faxxisti, aggressuri u vjolenti.

Ikkonferma dak l-i*speech* tieghu u cioe tat-tlieta t'April 2006. Zied jghid li l-filmat li huma raw l-Qorti huwa l-istess filmat li kellhom dakinhar. Qal li fil-fehma tieghu, huwa messagg purament politiku, pero naturalment b'tonalita differenti mill-politici moderni ta' llum u dan ghaliex il-politici moderni ghandhom il-monopolju tal-istruttura f'idejhom, u huma jridu jiggieldu battalja estera fuq l-imhuh. Il-lingwagg irid ikun imqanqal, offensiv, dik hija d-differenza li hemm u dan sabiex iqajjmu kuxjenza nazzjonali, zied jghid x-xhud. Qal li hu kien konxju li possibilment ikunu jridu jiffilmjawh. Qal li hu m'ghandu xejn x'jahbi.

Qal li l-parlamentari taghna ghandhom assigurazzjoni, kemm tal-Gvern, kif ukoll ta' l-Opposizzjoni, nazzjon *buttoned up* peress li huma qeghdin appostu ghal hames snin, il-pajjiz dejjem angolat, jinvaduh, hadd ma jimpurtah, din ghalih hija sitwazzjoni naccettabbli. Ghalhekk, zied jghid, li huma jridu jkunu iktar intelligenti, emottivi sabiex il-poplu jirrealizza s-sitwazzjoni perikoluza ta' dan il-pajjiz. Apparti huma, ma hemm hadd li ha dan l-inkarigu sabiex jwassal dan il-messagg politiku. Qal li hu stenna ghoxrin sena sabiex bniedem intelligenti, artikolari u fakultuz iktar minnu fuq dan il-kalvarju li effettivament qed jiehu hu u peress li dan ma giex, ghamilha hu. '*Somebody has got to do the job'.* Qal li hu assuma din ir-responsabbilta a bazi

ta' l-esperjenza diretta tieghu. Qal li hu kien f'zewg pajjizi li tilfu, Rhodesia u South Africa u jaf xi tfisser meta bniedem jitlef poplu u pajjiz u din l-istess haga qed tigri hawn Malta. L-istess sforzi internazzjonali u l-estradiment tal-politici li qeghdin fil-parlament u naturlament il-knisja kattolika li holqot poplu w abbandunatu u deherlu li xi hadd kellu jaghmel xi haga u dan ix-xi hadd huwa hu. Zied jghid li hu jaghmlu mhux b'xi sens ta' kilba ghall-poter, qal li hu artist w awtur, jghix hajja ta' *fulfilment* fiz-zona tieghu u ma jistax jkun ihalli kollox ghaddej. Qal li qed jesprimi ruhu billi jaghmel id-diskorsi tieghu u dan ghaliex fil-fehma tieghu, il-milja taghhom hija maghluqa. Qal li l-uniku spazju li taghtihom, hija biex izzeblahom. Qal li hu jghix f'pajjiz suppost demokratiku w d-dritt t'assocjazzjoni u ta' *speech* huma salvagwardjati bil-kostituzzjoni w ghalhekk ihoss li ghandu dritt jghid li hu ma jixtieqx jiehu vantagg minn dan kollu pero ftakar li semgha dan id-diskors darb'ohra li l-milja tieghu hija wahda politika, u m'incita l-ebda mibgheda razzjali. Qal li sahansitra wara l-*speech*, lkoll jiehdu *drinks* flimkien.

Qal li lilu hadd ma qallu xejn dwar l-i*speech* li kien ghamel qabel m'effettivament gie l-Qorti. Anzi hu, kompla jghid x-xhud, kellu dejjem messaggi ta' kuragg biex ikompli ghaddej. Qal li hu qed jirrepeti dak li qal Powell fl-Ingilterra fin-1956, *take over of a country.* Qal li jaf li effettivament sahansitra kienu anke tefghulu l-gebel u kellu l-pulizija wara l-bieb. Zied jghid li llum fl-Ingilterra jghidu li Powell *was right*. L-*equation* hija, *if Powell was right why should Lowell be wrong* wara li hu qed jghid l-istess affarijiet dwar l-istess marda socjali *on the hindside* u mill-esperjenza li ghadda minnha in-nies ta' Powell. B'referenza ghal dak li qal l-Isqof ta' Chester, kompla jghid x-xhud, fejn qal li l-Kristjani xi gurnata ghad jkollhom jiddefendu ruhhom b'forza. Qal li l-i*speech* in kwistjoni tan-Nigret huwa xi sitta w erbghin minuta. Fil-fatt, kompla jghid, kif qal l-Imhallef Ingliz fil-kaz ta' Griffin, fis-sentenza tieghu li "*the free speech should include the irritable and the offence"*. Din qalha l-Imhallef *in a binding opinion* meta kien Prim Inhallef. Fl-istess hin jghid li l-Imhallef partikolari fis-sentenza ta' Griffin, '*you cannot take the speech and take all the words*' u dan meta kien qed

jindirizza lill-guri, '*you have to look at the speech as a whole and not that word to misinterpret the speech.*' Fil-fehma tieghu, kompla jghid x-xhud, m'hemm l-ebda parti mill-i*speech* tieghu li huwa nkriminanti.

Mistoqsi jekk kienx jaf li ser nitressaq il-Qorti minhabba l-i*speech* li ghamel in-Nigret, wiegeb li jahseb li iva. Qal li hija kontra n-natura taghhom li huma jaccettaw il-vjolenza u li huma m'ghandhom xejn kontra *la grande violenza* fis-sens li meta jkun hemm poplu li jqum biex jiddefendi lilu nnifsu bhal The French Revolution u The American Revolution li effettivament jikkommemoraw. Qal li huma li ghandhom huwa kontra *la piccola violenza* u meta hu ghamel referenza ghall-vjolenza meta kien qed jitkellem in-Nigret, kien qed jaghmel referenza ghal vjolenza *in its whole entirety*, inkluz il-vjolenza fuq il-klandestini.

Mistoqsi kif hu m'ikkundannax il-vjolenza u ma jikkundannax dak li effettivament jaghmel il-vjolenza, wiegeb li dak ma jikkundannahx ghaliex jifhmu. Qal li meta l-pulizija u l-armata jsiru il-*caniolini di saluto* tal-politikanti u jigu wzati sabiex iservu lil min dahal f'pajjizna llegalment bl-ikel u jahslulu, qed jigu umiljati, huma jkunu qed jigu ridotti fi stat ta' miskinita w ghalhekk ma tkunx f'posizzjoni li tistenna protezzjoni minghandhom. Fil-fehma tieghu, zied jghid, l-istruttura hija *rotten from top to bottom*. Fil-fehma tieghu, kompla jghid, il-pajjiz mhux f'postu, ghaliex il-barranin qed jiehdu l-*jobs* tal-Maltin bhal ezempju tal-*plasterers*, u b'hekk il-Maltin qed jaqbdu f'xulxin. Qal li hu jara ruhu bhala huta fid-dezert u anke jekk ikun wahdu, jibqa jghid dak li jemmen fih irrispettivament dak kollu li qed jigri. Qal li ghalhekk il-battalja trid tintrebah fuq livell politiku kulturali u mhux bil-vjolenza, kif effettivament qed jintrebhu battalji ohra.

B'referenza ghal page hmistax (15) tar-rapport ta' Dr. Stephen Farrugia Sacco, kompla jghid x-xhud, fejn hu qal li fil-Gvern Malti ma hemmx *leadership* u ma hemmx *rudderless* (tmun), hu ppercepixxi z-zminijiet li ghaddejjin minnhom illum. Meta jara li pajjiz bhal Malta qed jiffanfra meta per ezempju, pajjiz bhal-Lithuania accetta whud minn dawn l-immigranti. Ix-xhud qal li dawn il-fanfarunati

qed isiru ghal xejn, ghax fil-fehma tieghu, il-pajjiz huwa *rudderless* (bla tmun). Fil-fehma tieghu, kompla jghid x-xhud, Malta hija post sagru minn zmien il-qedem u dejjem kienet l-*architure* tac-civilta. Qal li Malta ghandha din l-ispiritwalita fis-sens tat-tempji li ghandha u ta' ohrajn li ghadhom mhux skoperti. Dan hu l-i*spritual focal point* ta' dak li jemmnu fih *the Coming Imperium* ta' l-Ewropa.

Fil-fehma tieghu, kompla jghid x-xhud, z-Zionisti ma kkalkulawhiex lil Malta, insewha ghal dawn l-ahhar erbghin sena u ma tawhiex importanza w ghamlu zball kbir, ghaliex f'Malta llum hawn din il-vuci ta' liberta' aperta. Il-vizjoni taghna hija li titqabbad din il-foresta bil-fjamma ta' liberta u indipendenza, *mondo capitalista finanziario*.

Rega' tenna ghal darb'ohra li Malta qed titlef il-liberta taghha. Ix-xhud esebixxa artikolu li deher fil-gazzetta lokali taghna 'The Times' nhar s-sitta ta' Dicembru 2006 fejn kien hemm Professur mill-Universita ta' Lincoln fejn qal li Malta qed titlef il-*liberty of speech* li gie mmarkat bhala Dok. Z. Qal li dan l-artikolu li esebixxa, kien *a rendition* u gibed ir-rimarki tal-gurnalista li kiteb dan l-istess artikolu, certu Simone Farrugia. *Rendition report* ta' l-Strickland Foundation. Qal li din il-persuna kienet pilotata mill-istess *foundation*. Qal li esibixxa dan l-artikolu minhabba l-battalja sottili legali li ghaddejja bhala tirranija fuq il-poplu. Qal li l-ligi sa issa taghtih l-ispazju li qed jiehu pjacir b'dak li hu jemmen fih. Qal li qed jirrispondi b'mod politiku ghaliex fil-fehma tieghu, dan huwa *political trial*. Effettivament meta ra fol 17, kompla jghid x-xhud, li kien diga tressaq fuq l-i*speech* li kien ghamel Hal Safi w ghalhekk meta ghamel referenza ghal 'nixhed', jigifieri jixhed il-Qorti f'dik il-kawza, u zied jghid li ghalhekk, meta ghamel din l-i*speech*, l-i*speech* li kien ghamel qabel Hal Safi *was at the back of my mind*, biex il-poplu jirrealizza li *he has been let down the garden paths*, bil-fors wiehed ried juza certu lingwagg u dan peress li fl-isfera politika taghna hemm *grey areas*.

Spjega li l-kelma 'prostituti' b'referenza ghall-partit politiku, hija kelma gustifikata u dan ghaliex dak li jaqbel partit politiku jaqbad u jghidu. Qal li llum politiku jghid haga u

gimghatejn wara jghid xi haga opposta. Qal li dak huwa the *modern politician*. Illum il-poplu ma ghandux vuci, ghaliex ghandek zewg partiti, id-di u d-do, *stereophonic* li jghidu l-istess haga, fis-sens li la ghandek Gvern u lanqas Opposizzjoni. Qal li dak li t-Taljani jghidu 'ammucchiata', jigifieri jarah, mhux artikolat u ma jrid jaghmel xejn dwar dan. Zied jghid li l-poplu huwa atomizzat u jrid vuci w huma l-vuci tal-poplu. Qal li l-importanti huwa, li huma taw importanza kbira lill-incidenti li graw dwar il-hruq meta effettivament kien hemm l-elezzjonijiet lokali ghaddejjin u fil-gazzetti lanqas taw referenza ghalihom. Dan fil-fehma tieghu, huwa zbaljat u dan ghaliex huma batew l-konsegwenzi ta' dan l-artikolu.

Qal li peress li hu jaghti vizjoni fuq kollox, huwa impossibbli li kulhadd jaqbel mieghu in toto. Qal li l-Gizwiti ser jkomplu jahdmu favur il-klandestini avolja s-socjeta w n-nazzjon huma kontra taghhom. Qal li meta tkellem dwar l-*arson attack* '*a chi gode',* kien qed jaghmel osservazzjoni tieghu, m'ghamel l-ebda akkuza. Qal li ghazel l-Ingilterra bhala ezempju, ghaliex l-poplu Ingliz, nazzjon, tilef l-indipendenza tieghu ghax gie nvadut u l-Inglizi jghidulek '*it is too late, nothing can be done*' w irrassenjaw ruhhom ghal dik il-qaghda. Rega' ghamel referenza ghal dik il-piccola vjolenza miskina li diga tkellem fuqha diversi drabi u qal li mhux huma biss qed jigu nvaduti.

Ix-xhud esebixxa d-Dokumenti 2, 2C, 2D u 3 u spjega li hawnhekk l-*intelligent services* ta' l-Ingilterra *cannot keep up* b'*terrorist plot* jghid li dan hu *back door terrorism*. Qal li dak li fisser fl-i*speech* tieghu hu li jekk ikomplu jhallu dawn in-nies dehlin f'pajjizna, ser jkollna l-istess terrorizmu li ghaddejja l-Ingilterra. Qal li Malta ghaddejja minn sitwazzjoni li ghaddiet bhala l-Ingilterra fejn il-vuci unika tal-gang tieghu tizdied ukoll u hu jikkompara l-vuci taghhom, ta' Norman Lowell ma' dik ta' BNP bl-unika differenza li huma ghadhom ma waslux f'dik is-sitwazzjoni daqstant allarmanti. *Siamo ancora a tempo*, kompla jghid. Fil-fehma tieghu l-ebda pajjiz fl-Ewropa ma hi qed tiehu dik id-decizjoni necessarja biex twaqqaf dan kollu salv u b'eccezzjoni ghall-Isvizzera u dan ghaliex hemm

demokrazija diretta u mhux finta. *They are repatriating them*.

Qal li darba minnhom hu kien Bugibba u kienet giet mara fuqu u qaltlu li t-tifla taghha kienet giet *raped* minn wiehed iswed w ghalhekk talbitu biex jikkummenta dwar dan il-kaz fil-programm li kellu fuq l-"Smash", pero peress li kellu biss sebgha minuti, ma kellux cans biex jaghmel dan. Qal li jahseb li Malta qed issir ezattament bhall-Ingilterra fis-sens li hemm '*places no-go*' ghall-Maltin. Qal li meta hu, b'referenza a fol 26 ta' dan l-artikolu qed jghid li hemm certu postijiet f'Malta fejn hemm iktar nies suwed milli bojod jghixu hemm, b'mod partikolari fejn uliedna kienu jilghabu fuq il-haxix il-*football*, illum tara Afrika zghira. Hawn l-affarijiet li hawn f'fol 26 u 27 hu qalilhom bhala osservazzjoni ta' dak li effettivament qed jigri f'pajjizna. Hu osserva dan fuq stat ta' fatt.

Meta saritlu referenza ghall-knisja Ta' Giesu, meta kien dahal xi hadd ta' karnaggjon iswed u kisser il-Kurcifiss, ix-xhud spjega li din hija osservazzjoni ta' dak li effettivament kien gara. Qal li ma jistax jikkummenta fuq telf tal-patrimonju taghna u jigi kalkulat bhala razzist, dak li qed jara hazin hu. Qal li dak li kellu f'rasu hu, hu li jikkummenta fuq it-telf tal-partimonju taghna w ghalhekk qal, fil-fehma tieghu, t- tradiment li l-knisja ghamlet mal-poplu taghha, issa qed tgawdi r-rizultat tieghu.

Qal li a fol 29, b'referenza ghal dak li hemm f'Sudaniz, mhux wiehed Sudaniz izda mijiet ta' Sudanizi u staqsa, kif jista l-Gvern jirripatrija dawn in-nies, mijiet taghhom, fuq ajruplani *when their applications have been turned down,* meta dawn huma nies vjolenti hafna u li huma *trained* ghall-gwerra. Qal li hija difficli hafna li jigu ripatrijati u jkun hemm bzonn ta' hames suldati Maltin ma kull Sudaniz. Qal li din hija l-opinjoni tieghu li qed jaghti. F'ghajnejh, zied jghid x-xhud, l-pulizija w s-suldati huma l-*guarantors* tas-socjeta w ghaldaqstant huma iktar importanti minn individwi cittadini li huma *guarantees* tas-socjeta. Qal li huma ma jahsbux li huwa gust w eku li suldati jmorru jnaddfu l-bjar, izda ghandhom kwistjonijiet ohrajn. Huma ghandhom jahslu u jservu lill-klandestini. Qal li s-'C'

Company li fiha mitejn suldat, m'humiex qed jigu utilizzati kif suppost u fejn hemm bzonn. Qal li l-vizjoni politika taghna f'sitt gimghat *we repatriate all illegal immigrants. Obviously there will be some squealing but this has to be done.* Qal li hu qed jitkellem bhala mexxej ta' moviment politiku u qed joffri soluzzjoni radikali ghal problema kankruza.

Ikkummenta bin-nuqqas ta' *coverage* tal-media dwar dawn ir-*riots*. Ghamel wkoll referenza ghac-censura li hemm fuqhom li ma gabu xejn dwar dak li jghidu huma salv u b'eccezzjoni ghall-gazzetta 'MaltaToday'. B'referenza ghal dik il-parti ta' l-*speech* tieghu fejn semma n-NATO, hu ried ifisser li din hija osservazzjoni politika pjuttost kkumplikata u hija spjegata ahjar fl-artikolu tieghu 'Coming Cataclysmic Crises', in-NATO kienet il-*private arm* tal-forzi oskuri nternazzjonali li ntuzat b'mod vergonjuz kontra Ewropew. Qal li kemm l-Amerikani fuq l-*aircraft carrier* ppakkjaw bombi go ajruplan sabiex *pilots* ta' *destroyer* jsuqu l-ajruplani u jimmumbardjaw.

Qal li bil-frazi 'incident tad-drenagg imxerrdin mad-dinja kollha' ried ifisser *financial capitalism* komposta esigwa mxerrda mad-dinja kollha. Qal li meta qal li Malta imtliet bin-Negri ried ifisser li billi nhallu lin-NATO jiehu *front*, dawn mhux ser jghinuna fl-operazzjoni ta' salvatagg billi nsalvaw in-Negri u ngibuhom Malta, sakemm ilestulhom id-*detention centres* barra minn Malta li ma jitlestew qatt. Ikkundanna l-agir tan-NATO u kif wkoll tal-Frontex u ta' kollox. Qal li l-problema rridu nsolvuha ahna *with the right people*.

Qal li a fol 33 et seq hu kien qed jaghti *the methodology of our movement, that we dont change, that we say exactly what we believe in* u mhux hafna ipokreziji u fil-fatt semma certu nies ta' *background* politiku u jghid li jalla jkomplu sejrin hekk, ghax jekk itellghu xi membru parlamentari taghhom jew tlieta, iwaqqfu l-kukkanja li ghaddejja u Malta tkun f'posizzjoni li tiehu *a good leadership position to rule*.

Qal li wara dan l-i*speech* hu jerga jhoss u jtenni li ma hemm xejn fih li qed jincita mibeghda jew vjolenza razzjali.

Qal li fl-artikolu li esebixxa presenzjalment li gie mmarkat bhala Dok. 1, hemm miktub minn Father Mintoff stess, li l-Knisja hija razzista w ghalhekk llum qed jistenna li l-pulizija tmexxi kontra l-istess Father Mintoff, mhux kontra tieghu biss, *all being equal under the same sun*. Qal li d-diskriminazzjoni li ghamlet il-pulizija fil-konfront tieghu turi ezattament l-intenzjoni tal-*establishment* li tipprocedi kontra tieghu.

Huwa jiddeskrivi lilu nnifsu billi jghid '*I am a racialist, not a racist'*, bniedem li jaf id-differenzi bejn ir-razzi, antropologija, biex tissalvagwardja l-genetika ta' razztu. Qal li hu ma jaqax taht it-terminologija ta' razzist w ghalhekk dawn il-proceduri ma messhom qatt gew inizjalati kontra tieghu.

Ikkonferma li d-data ndikata fil-komparixxi u cioe dik tat-tmienja ta' Mejju 2006 kienet id-data meta hu ghamel l-i*speech* tieghu f'Ta' Fra Ben. Qal li hu rega' semgha l-i*speech* u dan fil-bini tal-Qorti w ikkonferma li dak huwa l-i*speech* tieghu.

Mistoqsi jispjega kif effettivament hu qal li jaqbel mad-dati migjuba mill-pulizija fis-sens li wahda minnhom ggib d-data tat-tletin t'April u l-ohra tmienja ta' Mejju, ix-xhud wiegeb li meta kien l-Qawra nhar t-tmienja ta' Mejju, '*it was the first Monday in the month of May'*. B'referenza ghat-tmienja ta' Mejju peress li kien l-ewwel Tnejn tax-xahar, dik d-data hija korretta. Dwar t-tletin ta' April, kompla jghid x-xhud, hija probabbilment id-data meta telghet l-i*speech* fis-*site*. Qal li din tirreferi ghall-i*speech* li kien ta fl-ewwel Tnejn tax-xahar t'April. Qal li d-data tletin t'April ma hix id-data meta hu ghamel l-i*speech*. Qal li l-Monday Club fix-xahar t'April kien fit-tlieta t'April u dan ikkonfermah wara li hu kkonsulta d-*diary* tieghu. Qal li t-tletin t'April kien il-jum meta 'Viva Malta' tellghet l-i*speech*, w ovjament minn dak li kien qed jassumi. Ikkonferma biss b'certezza id-data meta huwa ta l-i*speech*. Qal li fit-tletin t'April, fir-Rabat hu ma ta ebda *speech*. B'referenza ghal pagni 39 u 42 ta' dak li rraporta Dottor Farrugia Sacco, hu kien qed jitkellem fuq il-problemi ekonomici tal-pajjiz specjalment dwar dik il-parti tal-festa tal-haddiem. Meta

hu fisser, '*the face of the enemy*' f'dawn it-tlett pagni, ridt ifisser il-kwistjonijiet legali u nazzjonali huwa l-*establishment* w il-pjan li semma diversi drabi u fosthom hemm ukoll gurnalisti w edituri. Il-globalizzazzjoni li warajha hemm qarnita nternazzjonali, bil-ghan sabiex titnehha in-nazzjonalita lil kulhadd u l-haddiem jigi tadama, ex admissis jghid '*nixtru t-tadam li jaqblilna, cioe inkeccu lill-Maltin biex nimpjegaw lis-suwed, kif ghamlet l-qarnita internazzjonali*'.

Qal li ftit qabel kien mar jara flat Tower Road u gie nfurmat li xoghol tal-*plasterers* li suppost Malti jigi offrut elf u hames mitt lira maltin biex jaghmlu, ghamluh llegalment nies ohra ghal prezz ta' sitt mitt lira maltin minn nies li kienu llegali suwed. Spjega li dan huwa l-kalvarju li ser jghaddi minnu l-bniedem Malti. B'dan l-artikolu ried ifisser li l-haddiem huwa komodita f'kull haga ohra *vegetable* jew tadama. Qal li l-vizjoni tal-haddiem hija haga differenti ghall-ahhar. Spjega li hu ghamel referenza ghal ANR ghaliex inqalghet fernezija li membru fl-ANR u membru taghhom dehru fuq programm televiziv. Analisti eminenti tkazaw kif thallew jidhru fuq *television prime time.* Ix-xhud qal li hu baqa sa l-ahhar, *extending the hand of friendship and corporation to them* u b'dan nonostante kollu ghalxejn u dan ghal ragunijiet ovvji li ma kienx hemm ghalfejn jidhol fihom f'dan l-isfond.

Qal li hu jhoss li l-President ta' pajjiz jirrapprezenta l-ewwel haga lil kulhadd, imma President ghandu jigi elett mill-poplu u mhux johrog mill-hama tal-partiti u minn Prim Ministru jsir President. Sostna li ma jkollokx ir-rispett tal-50% l-ohra li tkun ilek tiggieled maghhom ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Qal li hu hass li ma kellux jagixxi ghalih b'dak il-mod u jghid dak il-kliem li '*dawn in-nies should be persued*.' Apparti minn hekk zied jghid x-xhud fil-fehma tieghu l-President kien qed jaghti messagg politiku zbaljat hafna meta mar ghal *barbeque* flimkien mal-klandestini. Fil-fehma tieghu, kien qed jghaddi messagg zbaljat hafna specjalment meta l-poplu, il-maggoranza tieghu huma kontra tieghu. Ix-xhud kompla jghid li qal il-kliem '*over my dead body*' b'referenza ghall-kliem uzati mill-istess President, meta huwa kien qed

jaghmel referenza ghal IVF fis-sens li jekk tigi mghoddija l-ligi fil-Parlament, huwa ma kienx ser jiffirma - '*Over his dead body'*. Qal li ma jidhirlux li President ghandu jitlef il-moralita ta' pajjiz, tac-cittadin. Qal li hu liberterian w l-liberta tal-individwu tigi *al di sopra di tutto*. Il-President jifforma parti mill-ghadu li hu ddeskriva w ghalhekk, huwa parti minnha. Irrileva t-theddida li ghamel fuq il-poplu Malti gejja minn kull strata tas-socjeta. Qal li meta ghamel referenza ghal din il-*freedom of speech* fl-i*speech* tieghu, ried jghid li fuq l-inqas haga ma tista tghid xejn hawn Malta ghax tispicca l-Qorti.

Qal li meta qal, b'referenza fuq il-Ministru, li kien liebes zukkarriera f'rasu, ried ifisser li meta huwa mar is-Sinagoga, kienet dik il-gurnata meta hu kien mar jiddefendi l-*freedom of speech* u li s-sottomissjoni hija fis-sens li kien l-i*spokesman* tal-Jewish Community Malta li ghamlitlu kwerela fuq ittra inokwa li tawh fuq is-*site*. Ghalhekk kompla jghid x-xhud, hu hassha mhux f'postha li l-Prim Ministru jmur is-Sinagoga b'din il-minoranza tieghu *behind these racial laws*. L-istil ta' dan kollu beda minn bniedem li jilbes iz-zukkarriera. Qal li hu, fil-fatt '*I am labelling the enemy as traitorous boss*.' Qal li huma jiehdu l-liberta biex jghidulu faxxist u nazzist u hu jghajjar lilhom '*traitoral boss*. *Tit for tat in English'*.

B'referenza ghal dik il-parti indikata fl-istess artikolu cioe ir-relazzjoni redatta minn Dottor Stephen Farrugia Sacco li tibda a fol 56 u tispicca a fol 58, ix-xhud qal li hemm attakk kulturali ghaddej fuq politika li ghamel iktar facli l-invazjoni ghaddejja minghajr ma jaghmel xi resistenza. Hemm attakk sfrenat li jinfetah f'konsegwenzi spjacevoli fuqu u shabu. Qal li fil-fatt Saviour Balzan ghamel referenza f'artikoli tieghu fejn qal li l-*walking stick* tieghu kien qisu xabla u fil-fatt meta kien gie nvestigat mill-pulizija l-Ispettur hadlu l-*walking stick* biex jiccekkjah. Ghalhekk qal li l-incident ta' Saviour Balzan kellu effett fuqu tant li fetah libell kontra Saviour Balzon ghan-nom tal-'MaltaToday' meta ra l-konsegwenzi ta' dan l-artikolu fuqu. Qal li dan l-artikolu tal-'MaltaToday' lilu effettwah ghaliex ta l-*image* li hu kien xi nazzist, meta nazzist mhux. Qal li l-media, ma hemmx dubbju li tinfluwenza l-

*establishment*. Qal li *the political establishment* naturalment taghti certi mpulsi lid-dipartimenti kollha fosthom lill-pulizija. Spjega li hu jiddeskrivi lilu nnfisu bhala *the sacrificial man*. L-awtoritajiet Maltin fil-fehma tieghu, jaqilghu l-attakki tal-media u jifformaw it-tezi taghhom fil-konfront taghhom u minn akkuza wahda, faqqsu akkuzi ohrajn.

Qal li dwar il-vista taghhom, Dottor Michael Frendo llum qed jilmenta li l-Libja mhix qed tikkopera u l-Ewropa mhix qed tghinna, jigifieri dak li kien qed jghid hu kien qed jigi accettat. Qal li meta hu qal li ma jridx lit-tfal taghna jimpikaw ma Daka Danga ried ifisser dak li qal l-Ministru ta l-Edukazzjoni u cioe jitfa lit-tfal ta' l-Afrika mat-tfal taghna biex jitghallmu l-kultura biex lit-tfal taghna jehdulhom l-ispina dorsale w imbaghad, una volta jehdulhom l-kultura taghhom, inridu naccettawhom b'mod ekonomiku w inbatu l-konsegwenzi.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2007 **rega' xehed l-imputat** (fol 164) fejn qal li x-xhieda tieghu ta' dakinhar kienet ser tkun relatata mad-dokument esibit mill-prosekuzzjoni Dok PPZ 4 a fol 63 bl-isem 'Coming Cataclysmic Crises'.

Qal li hu kiteb dan l-artikolu fix-xahar ta' Novembru 2003 meta fil-fehma tieghu, konna qed nghixu zminijiet f'qaghda fluwida mondjali wara l-attakk fuq t-Twin Towers. Qal li dehrlu li kellu jaghti perspettiva gdida fit-tul fejn kienet riesqa c-civilita, u wara baqa jizviluppa l-filosofija tieghu ta' lemin il-gdid. Spjega li l-intenzjoni primarja tieghu kienet li jaghti *dire warning* ta' dak li kien *imminently ahead of us* fis-sens tal-punent. Qal li l-artikolu kien miktub minnu u hu kien ghazel t-titolu tieghu. Qal li dak li ppreveda x'ser isir, meta kiteb l-artikolu fis-sena 2003, kien qed isehh u li fil-fehma tieghu '*we ain't seen nothing yet*'. Spjega li t-*topic* ta' dan l-artikolu huwa, fil-fehma tieghu, *a wide ranging* u jittratta dwar il-geo politika. Qal li fil-fehma tieghu hemm miljun Musulman li jobghodu lil Ewropej u fil-passat qatt ma kienu jobghoduhom u dan ghaliex fl-1967 kienu sahansitra anke jaghtu z-zejt b'xejn lil Ewropej. Qal li dan l-artikolu jittratta l-kawza u mhux l-effett taghha kif effettivment taghmel l-media.

Mistoqsi jghid minn huma '*we of the radical racialist right rrevolutionary reactionaries*' imsemmija fl-ewwel paragrafu ta'dan l-artikolu, qal li dan huwa grupp mibdi fl-1960 minn Alan De Benoit, li hu filosfu politiku maghruf u hu kien jigi mistieden wkoll biex imur. Qal li dan hu grupp li dik l-idea ta' *right wing* fossilizzata llum ma tregix. Qal li biex ma nsirux kollettivisti nridu nikkrejaw xi haga gdida fis-sens li nharsu 'l quddiem kif wkoll ghaliex ahna nittrattaw il-problemi taghhom ghaliex huma m'humiex razzisti, fil-fatt razzisti, il-*genetic differencies* bejn r-razzi kulur u kultura, ghaliex huma mhux *left* fis-sens kollettivista. Qal li lil individwu jrid jinghata nifs, *revolutionary*, ghaliex huma revoluzzjonarji. Qal li l-ideat taghhom huma godda ghaliex huma '*don't masticate chewed cud*', *reactionaries* ghaliex jirregixxu b'manjiera posittiva u dak li jikkoncerna r-razza, civilita w is-socjeta taghna. Qal li l-'Operation Take Over Europa', kienet dak li hu qal tlett snin qabel li kien qed isehh llum l-gurnata ezatt kif qal hu. Qal li kieku lahaq MP Ewropew ta' Malta, allura kien ikun jiddilja dan il-grupp li ftit zmien iehor kien ser jinbidel f'Nova Europa. Qal li dak li stqarr f'dak l-artikolu kien qed isehh u dan hu l-operation proprju '*take over Europe*'. Qal li llum il-gurnata huma qed jilghabu loghba demokratika. Spjega li dak li qal fil-paragrafu taht is-sub titolu '*Imminent Collapse*' fejn semma '*those internationally manipulated scattered throughout the globe*', hemm kien qed jaghmel referenza ghal forzi plutokratici li dawn iffinanzjaw r-revoluzzjoni komunista tal-1916. Qal li Lenin kien telaq mill-Germanja u mar f'villa f'Lugano. Marx kien telaq minn New York b'zewg miljuni '*in gold*' fil-bagalja u bdew r-revoluzzjoni komunista li kienet finanzjata mill-Varburgs li kienu sinjuri dak z-zmien, w ghalhekk kien hemm loghba bejn il-kapitalisti u l-komunisti li taparsai ghamlu *shadow boxing*. Qal li nies maghrufa bhal Morgan '*through the power of the purse*', bhal Disraeli, l-Prim Ministru Ingliz, immanipulaw liz-zewg nahat.

Qal li fejn fid-disgha paragrafu taht l-istess sub titolu hemm referenza ghal '*the same rodents*', din kienet referenza ghal l-istess nies, l-istess grupp ta' plutokratici fil-paragrafu miktub tlett sin qabel juri ezatt l-awtur fil-

present. Qal li llum il-gurnata hemm aktar bombi ghal fuq s-Sirja.

Dwar il-paragrafu a fol 66, *highlighted*, qal li l-Italja dejjem kienet il-mira centrali tal-Israel u dan ghaliex s-sopravivenza tal-Israel tkun distabbilizzata. Qal li dan ghaliex t-Taljani di natura huma nies prekocji u jafu x'hini l-vera politika. Qal li t-Taljani huma nies Latini li jaghtu hsieb lejn r-razza bajda u li c-civilita tal-punent tinghaqad. Fil-fatt diga ppruvaw biex jiddistabbilixxu l-Italja. Qal li llum l-'Brigate Rosse' *on one side* w it-terroristi fuq in-naha l-ohra kienu ttrenjati u manipulati w inizjarjament issusidjati w armati minn NATO *base* f'Udine. Fil-fatt *under interrogation*, t-tnejn interrogaw lil istess persuna. Fil-fatt fil-*kidnapping* ta' Aldo Moro, l-pulizija Taljana mill-ewwel kienu jafu ezattament f'liema blokk kien qieghed l-*perpetrator* u kien hemm diversi programmi fuq r-RAI dwar dan. Qal li din trid tara l-perspettiva taghha u mhux il-faccata taghha.

B'referenza ghas-sebgha paragrafu a fol 67, ix-xhud qal li bil-kliem '*we shall hellenise all the mediterranean islands*' ried ifisser li Cipru jerga jigi b'kultura Griega u hu xtaq bhala *geo politician*, li l-fruntiera naturali bejn l-Ewropa u l-Asja Minuri huwa l-Bosphorus. Qal li t-Torok ma setghux izommu dak li kienu hadu *by conquest* u cioe parti mir-Rumanija u kellhom jerghu jaghtu lura l-istrixxa u jersqu lura lejn l-Bosphorus. Qal li ghamel referenza ghat-Torok bhala nies *obdurate* w *obstinate* ghaliex dawn huma karatteristici taghhom.

Spjega li l-bniedem ghandu tracci tieghu bhal per ezempju l-*pit bull* u *pocket dog* ghandhom t-tracci taghhom differenti wkoll. L-istess huma n-nies bhal per ezempju n-negri, jew ahjar n-*negrids*, li ghandhom l-fumaturi taghhom w il-kelma antropologika tal-kelma 'negrid' hija 'kaffrid'. Qal li tant hi dispreggattiva specjalment mill-Gharab versu s-suwed jghidulu 'kaffrid' juza l-kelma 'negrid'. Qal li effettivament juzaha Baker tal-Antropological Department f'Oxford University. Qal li meta qal li t-Torok huma *obdurate* w *obstinate*, ghaliex dawn huma l-karatteristici taghhom, pero huma razza

mhallta bejn Semitici, Gharab u Mongoli. Originarjament gew mill-Atlas Mountains tar-Russja. Qal li din t-tahlita bejniethom harget dawn l-karatteristici ta' *obduracy* w ostinazzjoni. Fil-fehma tieghu, dawn in-nies ma jafux xi tfisser iccedi. Bhala ezempju qal li fil-Korean War, l-General McArthur, kien qed jiddefendi ruhu bi ftit suldati tal-United Nations bl-Inglizi, Germanizi, Taljani u kontingent Tork, ic-Cinizi ssorprendewhom u fil-Milied '*they overran the front line*' u kien hemm l-perikolu mminenti li jigu maqtula kollha, *the whole line*, McArthur taha '*telegraphic instructions to redeploy twenty kilometers*.' Il-kontingenti kollha rrtiraw ghoxrin kilometru w it-Torok avvanzaw ghoxrin kilometru. Qal li dan kien ezempju car ta' kif jahsbuha t-Torok.

B'referenza ghas-sub titolu 'The Tribe' a fol 70, fejn fl-ewwel paragrafu hemm l-kliem '*that vipers den in the Middle East that refuge where every international rodent retires to*', qal li din kienet referenza ghal l-istragi li kienu ghaddejjin minnha bhalissa, ta' krizi kataklizmika li gejja fuqna. Qal li din kienet il-kawza f'dak li qal mill-*punto di vista* politiku. Qal li l-linwagg kien qawwi u li din ma kienetx kwistjoni ta' *racial hatred*, izda kwistjoni ta' *racial love* ghac-civilizzazzjoni taghna. Qal li n-negru jista jghid '*white pigs*', u ma jsibx spetturi jigru warajh u jghidu li jridu w ahna rridu noqghodu ghal establishment taghna, li hu proprju manipulat minn dawn in-nies.

B'referenza ghal kliem '*we shall see whether the parasites can live without a home*', qal li meta jkollok pajjiz ta' erbgha minn nies li jircievu l-ostja, jiehdu l-belli miljuni kull sena minn kullimkien bhala reparazzjoni ta' reati li qatt ma sehhew sittin sena ilu u fantazija jekk meta tinqatalhom din il-kummiedja kollha l-istess nies jirnexxilhom bi storja taghhom ta' erbat elef sena, jirnexxilhomx jibnu pajjiz u socjeta vijabbli.

Spjega li fil-frazi li semma fl-ewwel paragrafu ta' dan is-sub titolu 'The Tribe', u cioe '*pace in tutto l mondo con Israele sotto terra*' hu kien qed jikkwota gurnalist Taljan li qalha *on prime time* tat-television Taljan, illum MEP ma Forza Italia u ried jghid li jekk Israel jispicca '*come entita*',

probabbli dawk s-Sefarzinji, li lhom jghixu mijiet ta' snin mal-Gharab, minghajr ma jimmolestaw lil xulxin, ikollna l-paci fid-dinja. Qal li sakemm l-Israel jibqa jigu fih nies li m'ghandhomx x'jaqsmu ma dik r-roqgha art, b'referenza ghal Amerikani, Pollakki, Russi u Germanizi, ghaliex Mose, erbat elef sena ilu ippromettilhom, allura jispiccaw f'realta gdida, bil-Palestinjani jghixu mal-Sefarnzinji, hu diskors politiku, mhux razzjali. Qal li dak kien qed jghidu ghaliex hemm min jaqbillu fejn ma joghgbux d-diskors, jattakka b'razzizmu biex jaghlaqlek halqek. Qal li bhala awtur, hu baqa purament fuq il-fatti b'mod li jekk wiehed jaqrah fil-fatt *andante* u mill-*punto di vista* artistiku, dan hu l-artikolu. Qal li l-intenzjoni tieghu kien messagg geo politiku ghas-salvagwardja ta' *western civilization*.

B'referenza ghal paragrafu intitolat 'War is Life' a fol 73, b'referenza ghal ahhar paragrafu tieghu, ix-xhud ghamel premessa li hu mhux kattoliku u m'ghandux moralita kristjana. Qal li l-paragrafu hu bazat fuq l-filosofija w ghamel referenza ghal '*the most decorated German soldier who was injured thirty times*' u li Mitterand mar izuru meta ghalaq mija u sena u kiteb diversi kotba. Qal li wahda mis-*sayings* tieghu famuzi hija 'war is life' il-hajja hija gwerra perpetwa, glieda kontinwa fil-hajja. Qal li *war is life* waqt li *life is death* u cioe l-hajja tal-bniedem modern ta' erbghin siegha xoghol.

Naturalment, kompla jghid ix-xhud, ahna nistghu nippromwovu l-gwerer kif ghamel l-Israel. Qal li bl-artikolu tieghu ried jibghat messagg ta' *survival* ghaliex ahna qeghdin nghixu hajja ta' Darwinian *universe* fejn il-moralita taghna ma tregix. Qal li kiteb dak l-artikolu u tellghu fuq l-web site ta' 'Viva Malta' u kellu resonanza kbira dwaru. Qal li meta kitbu, kellu s-socjeta in generali tal-West quddiemu. Hass li kellu jibghat messagg lil dawk l-*leaders* li jaraw aktar boghod minn ohrajn. Il-hsieb tieghu huwa ghal udjenza predisposta. Qal li zergha din z-zerriegha fejn tikber sigra dritta, kburija, u wahedha li tirrezisti l-irwiefen, l-*brambles* u l-*creepers* li jipruvaw inizzluha 'l isfel. Qal li ma kellu lil hadd f'mohhu u kellu biss intenzjoni ferma sabiex ipoggi lil Ewropa f'postha '*it's a question of survival*'.

Illi nhar l-erbatax ta’ Gunju 2007 **xehed Jonathan Paul Cuschieri** (fol 187) fejn mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern, wiegeb li jaf li huwa Norman Lowell, peress li gieli mar ikliet u laqghat mizmuma minnu w eventwalment saru wkoll hbieb. Mistoqsi jekk marx ghal xi laqghat partikolari li jiftakar, wiegeb li kien hemm varji laqghat bhal Fra Ben u postijiet ohrajn. Qal li data partikolari u cioe t-tlieta ta’ April 2006 kien jum it-Tnejn, kienet laqgha regolari li ssir kull l-ewwel Tnejn tax-xahar u kienet tigi riklamata go *website* u min ried setgha jmur. Qal li hu kien prezenti u sema’ dak kollu li qal Normal Lowell u cioe dak li huwa rrapurtat fil-Qorti. Qal li kien hemmhekk li tqajjmulu emozjonijiet, pero affarijiet sensazzjonali ma semghax. Qal li r-reazzjoni tan-nies prezenti kienet simili ghal dik tieghu, wahda bi tbissima f’wiccu.

Mistoqsi jekk garax xi haga b’mod partikolari bhala rizultat tal-laqghat li zamm Normal Lowell ix-xhud wiegeb li hu ma jafx bihom, jekk effettivament graw. Qal li hadd ma qallu li kien hemm xi hadd li ddispajcih b’dak li sema’. Qal li lanqas sentiment ta’ rabbja jew agressjoni jew xi emozjoni partikolari ma kien hemm.

Mistoqsi dwar l-atmosfera li kien hemm fil-laqgha li l-imputat zamm f’Ta Fra Ben, wiegeb li kien hemm inqas nies, pero r-reazzjoni tan-nies kienet l-istess. Qal li kulhadd jista jattendi ghax dawn huma reklamati fuq *webiste*. Spjega li hu kien fil-moviment ‘Alleanza Nazzjonali’ u hadd ma waqqfu milli jmur jisma lil imputat, anzi originarjament ma kienx hemm diffikultajtiet, mar u gie milqugh w ghalhekk dehrlu li kellu jkompli jmur. Qal li dak li qal fil-konfront tan-Nigret japplika wkoll ghal Fra Ben, fis-sens illi ma gara xejn fil-pajjiz relatat ma l-agir ta’ l-imputat, aktar w aktar meta fil-kaz tal-Fra Ben kien hemm inqas nies. Fil-fatt f’dawn iz-zewg okkazzjonijiet, kulhadd jitlaq ghal rasu, kompla jghid x-xhud, kienet atmosfera familjari u kull min mar, kien mistieden. Qal li l-imputat tkellem di propju u qaghad jispjega l-ideat politici tieghu. Qal li sa fejn jaf hu, ghaqda formali ma hemmx. Qal li jaf li hemm zewg *websites*, wahda ‘Imperium Europa’ u l-ohra ‘Viva Malta’. Qal li hu qara it-*transcripts* li

hemm il-Qorti u fid-diskors tal-imputat, hu semma kemm nies, kif wkoll entitajiet politici, kif wkoll pajjizi u nies li mexxew fl-istorja, minn kollox ssemma, xejn partikolari pero, *general knowledge*. Fisser li l-imputat qal l-opinjoni tieghu fuq avvenimenti storici li graw madwar is-snin kif wkoll semma dawk l-istejjer li kienu ghaddejjin fil-prezent. Qal li jaf wkoll li kien hemm certu referenza ghall-Eccellenza tieghu l-President ta’ Malta. Qal li l-President ssemma fis-sens li kapaci jamministra certu affarijiet tajjeb, pero fil-fehma ta’ min kien qed jitkellem, certu affarijiet, li huma daqstant importanti, ma kienux qed jigu immexxija sewwa, fis-sens li kien qed jigu traskurati. Qal li fil-fehma tieghu, l-imputat kellu ragun f’dak li kien qed jghid peress li dak li kien qed jghid l-imputat kien minnu u kienet kwistjoni serja, kienet tkun ahjar li tidhaq milli tibki. Qal li fl-ahhar mill-ahhar, hu ma hass xejn ghal din il-persuna lanqas. Qal li kulhadd jista jaghti l-opinjoni tieghu fuq haddiehor u ma ssemma xejn personali. Qal li hu familjari mal-*website* ‘Viva Malta’ u ‘Imperium Europa’.

Mistoqsi jekk qattx qara l-artikolu ‘Cataclysmic Crises’ wiegeb li qrah kemm hu kif wkoll l-familjari mieghu. Spjega li l-artikolu ‘n kwistjoni huwa miktub f’sens li mhux kulhadd jifhmu, hafna mill-affarijiet f’dak l-artikolu jappartjenu ghal sitwazzjonijiet ipotetik u mhux dejjem jispjega ghal liema nies kien qed jirreferi, peress li dan l-artikolu jhalli ghall-intelligenza ta’ min ikun qed jaqrah, l-effett mhux ser jkun l-istess fuq kull qarrej. Qal li hu ma ha l-ebda reazzjoni sensazzjonali minnu u fehmu mill-aspettiva tieghu u jista jkun li l-affarijiet li fehem mhux necessarjament qed isiru peress li s-sitwazzjoni hija wahda ipotetika. Qal li ma kien hemm xejn li skandalizzah u ma kien hemm hadd li kellmu fuq dan l-artikolu b’xi sentiment differenti. Qal li dan huwa artikolu politiku w ghalhekk huwa miftuh u jista jkollu nterpretazzjonijiet varji u kien ghalhekk li probabbilment tqieghed f’dan il-*website*, sabiex wiehed jibni u jiddibatti l-kontenut tieghu u tinholoq aktar konversazzjoni dwaru. Fil-fehma tieghu, kompla jghid x-xhud, adirittura qisu oggett demokratiku. Zied jghid li l-ahhar li kien hemm in-Nigret kien hemm madwar mitt ruh jew hamsin, pero hu ma kienx ghaddhom w ghalhekk in-numru kien approssivament, filwaqt li Ta’ Fra

Ben kien hemm inqas.  Fil-fehma tieghu, zied jghid x-xhud, tax-xellug u tal-lemin m'ghadhomx zewg partiti separati, wiehed ghandu t-tajjeb fiz-zewg partiti w illum huwa *outdated* li tahseb f'kuntest *left* u *right* trid tipprova tigbor l-ahjar *policies* u temmen fihom.  Zied jghid li hu ma marx dawn il-laqghat fil-vesti tieghu ta' *manager* ta' l-MTA, mar f'vesti personali.  Qal wkoll li hu membru tal-*website* 'Viva Malta'.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2007 **xehed l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo** (fol 197) fejn spjega li hu ntiz fl-akkuzi li hemm fil-konfront ta' l-imputat odjern ghalkemm ma kienx hu li nvestighom u spjega li bil-kelma 'ntiz' ried ifisser li hu jaf dak li kien gie rrappurtat lilu mill-ufficjali nvestigattivi f'dan il-kaz u cioe bl-investigazzjonijiet li ghamlu, ghalkemm ma kienx hu li nvestiga il-kaz.  Qal li fil-fatt ghandu l-impressjoni wkoll li kien tahom ir-rakkomandazzjoni tieghu dwar il-proceduri odjerni w id-decizjoni sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' l-imputat ttiehdet mill-investigaturi u lilu infurmawh u hu kien qabel maghhom.  Spjega li l-investigaturi f'dan il-kaz huwa l-ufficjali prosekuturi odjerni. Qal li setgha kien il-kaz li kien hemm xi hadd iehor min-naha tas-Cyber Crime sabiex jiffolowja dak li kien qed jigi rrapurtat fis-*site* pero hu ma kienx dahal fid-dettalji tal-kaz. Qal li ma kienx hu li nvestigah w ghalhekk ma kienx jaf li hemm kawzi u proceduri pendenti fil-konfront ta' l-imputat.

Spjega li fil-kaz in kwistjoni kien hemm hafna rappurtaggi w *e-mails* ta' dak li kien qed jigri u jigi cirkolat u hu kien ta struzzjonijiet sabiex l-istess rapporti jigu investigati, fl-ewwel lok sabiex jimmonitorjaw dak kollu li kien ghaddej fis-*site* ta' 'Viva Malta' u biex jaraw jekk dak li kien qed jigi rapportat, effettivament jikkosistitwix ksur ta' ligi.  Qal li kull meta l-ufficjali tieghu hassew li kien hemm xi ksur ta' ligi, din giet investigata.  Qal li l-imputat kien gie mitlub sabiex jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti u sussegwentement inhargu l-akkuzi relattivi. Qal li ghandu impressjoni li hemm xi akkuza kontra mibgheda razzjali ohra kontra l-President ta' Malta, pero ma kienx jaf jekk humiex maqsuma f'kawzi separati jew humiex kollha migbura taht kappa wahda.  Qal li kien dak li qalet il-media u dak li gie

miktub fil-gurnali, li nstiga l-investigazzjoni odjerna. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, ghaliex l-akkuzi kollha ma tressqux quddiem Qorti wahda biss, u fil-fatt huma divizi f'zewg Qrati, hu ma jidholx fiha peress li mhix diskrezzjoni tieghu u jhalli f'idejn l-ufficjali tieghi. Qal li hu ma dahalx fil-fond wisq f'din il-materja w ghalhekk mhux f'posizzjoni li jirrispondi d-domandi jekk effettivament dak li qara jammontax ghar-reat in kwistjoni ghaliex hu halla kollox f'idejn l-ufficjali tal-pulizija. Qal li hu mpossibbli li hu jmexxi kull kaz li jigi rrappurtat lill-pulizija w huwa ghalhekk li ghandu l-ufficjali tieghu sabiex jinvestigaw huma ghan-nom tieghu. Qal li ma kellu l-ebda *pressure* politiku sabiex jiehu azzjoni fil-konfront ta' l-imputat w infatti passi kriminali ttiehdu fil-konfront ta' Normal Lowell, ghaliex rrizultalu u hass fil-fehma tieghu, li kien hemm ksur ta' ligi f'dak li gie rappurtat.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2007 **xehed Lou Bondi** (fol 200) fejn li hu jahdem bhala gurnalist u direttur tas-socjeta 'Where's Everybody'. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern personali, wiegeb li kien iltaqa mieghu f'okkazzjoni meta tkellmu fit-tul, altrimenti ltaqghu kazwalment. Qal li potenzjalment din il-laqgha li kellu mal-imputat, kienet konnessa mal-hidma tieghu bhala direttur fil-media. Ftakar li l-kumpanija tieghu kienet ghamlet *filming* ta' l-imputat meta huwa kien ghamel diskors jekk aktarx qrib il-*barracks* ta' Hal Safi u wara kien gie mistieden ghal programm 'Bondi Plus', sa fejn kien jaf hu, qatt ma ffilmjawh. Pero kien hemm xi programm li huma rrappurtaw l-filmat ta' Norman Lowell u sahansitra anke kkwotaw xi siltiet minn tieghu. Qal li bhala medja, l-programm tieghu ghandu vizjoni ta' madwar sebghin elf ruh.

Mistoqsi x'kienet ir-raguni partikolari li hu hass li kellu jaghmel programm fuq Norman Lowell, wiegeb li huma jghazlu *topics* skond dak li jkun ghaddej fix-xena lokali u b'mod partikolari, Norman Lowell bhala personagg u bhala persuna ta' certu ideat, kien jigi dibattut estensivament. Qal li bhal ma jaghmlu f'kazijiet ohrajn, ddecidew li jaghmlu programm fuq dak li kien qal l-istess Norman Lowell. Qal li fil-fehma tieghu, Norman Lowell

huwa persuna li pubblikament esprima ideat dwar x'ghandu jsir b'immigranti llegali li hu kien ikklasifika bhala pjuttost estremi. Qal li l-imputat huwa persuna li esprima ideat fuq livelli iktar generali bhal distinzjoni ta' bejn persuni ta' razza differenti u l-imputazzjonijiet ghandhom l-istess razez fuq kulturi differenti. Qal li hu jzomm il-programm sabiex johrog dibattitu fuq dak li jkun ghaddej u mhux sabiex johrog jew jibghat xi messagg u hu jaghmel sett ta' domandi li fil-fehma tieghu jkunu qed jistaqsu n-nies u jpoggiehom lil dak li jkun. Qal li l-procedura li jsegwu huma, hi li huma jew xi hadd fit-*team*, jaghmlu proposti ghal temi diversi, jiddiskutuhom mal-PBS ghall-konfermazzjoni taghhom, u dan ghaliex huma l-edituri tal-programm u huma japprovaw. Qal li din hija procedura normali u anke fil-kaz ta' Norman Lowell huma hekk ghamlu, addottaw din l-istess procedura. Qal li b'dan ried ifisser li huma gabu l-approvazzjoni tal-PBS qabel ma gie mxandar il-programm u li naturalment l-PBS tathom din l-approvazzjoni, ghax kieku ma kienx jinzamm dan il-programm. Spjega li l-informazzjoni li uzaw ghall-programm, kien wiehed li uzaw l-*speech* li kienu ffilmjaw u cioe dak ta' l-imputat meta kien hdejn Hal Safi. Qal li fil-programm uzaw parti mis-siltiet tad-diskors ta' Norman Lowell u kien hemm persuni b'ideat konfliggenti ma dawk ta' Norman Lowell u kkrejaw dibattitu *ad hoc*.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi konsegwenzi socjali dwar dak li effettivament qal Norman Lowell, ix-xhud wiegeb li ma kienx jidhirlu. Fuq livell personali, kompla jghix x-xhud, estremi kemm ikunu estremi l-ideat, jistghu jigu espressi u dan ghaliex hu kien jemmen f'socjeta demokratika. Qal li hu personalment ma kienx jaqbel ma l-ideat ta' Norman Lowell, pero bhala bniedem liberali kelllu kull dritt jesponi ruhu kif irid.

Mistoqsi jekk sarux xi referenzi ghal xi kitbiet jew xi laqghat ohrajn li saru f'postijiet ohrajn ix-xhud wiegeb li ma setghax jghid dan b'certezza. Qal li pero hu kien ircieva diversi inviti fejn l-istess Norman Lowell izomm *barbeques* u *pasta nights* pero kien gie nfurmat wkoll li f'dawn il-laqghat ma setghax jaghmel *filming*. Qal wkoll li kien hemm ukoll okkazzjoni partikolari fejn kien hemm

possibilta li jsir *filming* pero ghal xi raguni jew ohra, m'ghamlux.

Mistoqsi jekk ghamilx xi programm fuq diskors li ghamel Norman Lowell fin-Nigret, ix-xhud wiegeb li huwa zgur hu li ra filmati ohrajn ta' l-imputat barra dak li ghamel f'Hal Safi, pero jekk gewx imxandra jew le minnu ma jafx. Spjega li l-programm tieghu huwa ta' xi siegha w ghaxar minuti, jekk tnehhi r-riklami. Qal li ma kienx cert jekk dan il-programm kellux ripetizzjoni jew le peress li ilu xi tlieta jew erbgha snin. Qal li hadu bis-serjeta peress li kemm bhala personagg kif wkoll bhala ideat li huwa qed jesprimi u anke l-mod kif huwa jesprimi l-ideat, kien qed iqajjem dibattitu fil-pajjiz. Per ezempju frazi partikolari li qal fid-diskors biex huwa jiddeskrivi l-influss ta' l-immigranti hawn Malta kien qal '*lifa sewda tiela mill-parti ta' isfel 'l fuq*'.

Mistoqsi jekk kellux xi *feedback* fuq dan il-programm mill-pubbliku wiegeb li huma dejjem ikollhom *feedback* u primarjament ikun wiehed posittiv. Rega' nnega li l-ideat ta' Norman Lowell kienu qed jigu dibattuti u ma hasibx li kienu accidentali f'pajjiz bhal Malta li razzizmu huwa dibattut, ghaliex fil-fehma tieghu, fil-pajjiz hemm element qawwi ta' razzizmu. Qal li Norman Lowell kien qed jartikola kif jidher hu stess r-razzizmu w ghalhekk il-programm 'Bondi Plus' tratta s-suggett, u fil-fehma tieghu bl-iktar mod serju.

Mistoqsi ghaliex fil-bidu tad-diskors tieghu ix-xhud qal li Norman Lowell kien l-ewwel esponent ta' dan is-suggett ta' razzizmu f'Malta, wiegeb li ghaliex fil-fatt hekk hu u dan peress li dawn qatt ma kienu gew espressi qabel. Qal li hu ma jafx li kien hemm persuna ohra li espriet ruhha kif effettivament esprima ruhu Norman Lowell. Qal li s-soluzzjoni li Norman Lowell beda jghid ghall-immigranti llegali, hija li l-pulizija jew l-armata tohrog hemm barra u jergghu lura darba u jergghu lura tnejn u jaghmel mossa b'idejh l-isfel. Qal li xi hadd li jesponi ruhu u jassumi ruhu ma din l-idea, fil-fehma tieghu, qatt ma kien iltaqa ma persuna hekk.

Mistoqsi kif effettivament wasal ghandu d-diskors tan-Nigret ix-xhud wiegeb li ma kienx jafx u kien jaf biss li kien qed jiccirkola u kif effettivament wasal ghandu fuq il-*computer* tieghu ezatt ma kienx jaf. Qal li l-pubbliku Malti ghandu certu faxxinu lejn Norman Lowell, fil-fehma tieghu. Qal li meta effettivament hargu dan id-diskors fil-programm Bondi Plus, l-*feedback* li kellu kien li kien hemm kemm favur u kemm kontra dak li qal l-istess Norman Lowell.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Lulju 2007 **xehed Joseph Scicluna** (fol 205) fejn li hu jahdem bhala *bank manager*. Mistoqsi jafx lill-imputat odjern wiegeb li jafu u dan f’attivitajiet mizmuma minnu peress li hu jattendi laqghat tieghu. Qal li sar jaf bil-laqghat tieghu kemm *by word of mouth* u gieli ghax jara riklami fuq l-*internet*. Qal li ma kien hemm ebda raguni partikolari ghaliex imur w jmur ghaliex irid imur. Ikkonferma li kien prezenti wkoll fil-laqgha u diskors li ta Norman Lowell fir-Rabat Malta. Qal li bhal laqghat simili, l-imputat ghamel id-diskors tieghu u kien hemm xi haga x’jieklu u wara jkun li l-imputat jaghmel id-diskors tieghu. Qal li ma jistax jghid li ma hassux komdu b’xi haga li sema’ f’dak id-diskors ghaliex l-ambjent kien wiehed ta’ fost il-hbieb w in-nies li kien hemm, kienu kosmopolitici.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi reazzjoni fost il-gemgha nies li kien hemm dwar dak li qal effettivament Norman Lowell f’dik il-laqgha wiegeb li ma kien hemm ebda reazzjoni partikolari. Qal li lanqas jaf b’xi event iehor fejn tqajjmet xi reazzjoni ghal dak li qal Norman Lowell. Qal li hu attenda ghal diversi laqghat u qatt ma ra reazzjoni. Fil-fatt zied jghid li hu kien prezenti wkoll fid-diskors li sar fil-Fra Ben, fejn kien hemm laqgha fost il-hbieb, nies kosmopolitici attendew u ma tqajjmet l-ebda reazzjoni partikolari dwar dak li ntqal minn Normal Lowell.

Mistoqsi jekk hux familjari mal-kitbiet tal-imputat, wiegeb li pjuttost iva. Mistoqsi jekk qarax l-artikolu ‘Coming Cataclysmic Crises’, wiegeb li qrah. Qal li ghalih kien artikolu t’opinjoni forsi ta’ dak li jista jigri fil-futur.

Mistoqsi jekk minn dak li qara, ndunax li kien qed jitqajjem xi sentiment kontra xi persuna, wiegeb li le, assolutament xejn minn dan, dan ma qajjem ebda reazzjoni fil-fehma tieghu.

In kontr' ezami, qal li kien hemm reazzjoni u capcip meta jitkellem l-imputat odjern, li hu haga normali bhal meta jkun hemm *speaker* u jkun hemm formazzjoni u jcapcpu bhala ringrazzjament ta' dak li jkun qal.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2007 **xehed Godwin Micallef** (fol 208) fejn li hu jahdem bhala *manager* go stabbiliment tal-*catering*. Qal li lill-imputat jafu peress li kien jattendi l-*meetings* tieghu, li kienu jsiru b'mod regolari darba fix-xahar fejn l-imputat kien jaghmel xi diskors. Qal li kien ikun hemm diversi nies minn oqsma differenti tas-socjeta u l-imputat kien jaghmel *speech* u wara kienu jieklu xi haga flimkien. Qal li kien imur bhala kurzita biex jara x'ghandu xi jghid l-imputat u wara li semgha l-ewwel diskors, interessa ruhu u baqa jmur. Qal li s-suggett li jitkellem dwaru l-imputat huwa suggett li jolqot lil hafna, huwa suggett kurrenti u jinteressah.

Mistoqsi jekk kienx ihoss xi reazzjoni ta' tqanqil jew jara nies madwaru imqanqla wiegeb li le. Mistoqsi jekk kienx prezenti ghal-laqgha tan-Nigret wiegeb fl-affermattiv. Qal li din kienet laqgha bejn il-hbieb minn nies gejjin minn oqsma differenti. Qal li l-imputat ghamel l-*speech* tieghu, wara kien hemm diversi capcip u kielu lkoll flimkien.

Mistoqsi jekk kienx hemm x'incidenti aggressivi, wiegeb li le u zied jghid li lanqas ma kien hemm xi reazzjoni jew konsegwenza negattiva. Qal li ghall-laqgha ta' Ta' Fra Ben pero, hu ma kienx prezenti.

Mistoqsi jekk hux familjari fuq il-kitbiet ta' Norman Lowell, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk qarax l-artikolu 'Coming Cataclysmic Crises', ix-xhud wiegeb li qrah xi zmien ilu. Qal li dak l-artikolu hadu bhala artikolu li kitbu awtur li kellu vizjoni tal-futur u bhala stat ta' fatt ma kellux opinjoni jew espressjoni li l-imputat kien perikoluz ghas-socjeta u lanqas kien hemm xi reazzjoni minn nies li

kienu prezenti fil-laqghat ghal xi reazzjoni fuq li qal l-imputat. Fil-fehma tieghu, huwa Norman Lowell li qed jigi insulentat ghaliex huwa persuna li ghandu dritt jesprimi l-opinjoni tieghu.

In kontr'ezami qal li fil-fehma tieghu qatt ma qajjem xi reazzjoni dak li qal Norman Lowell. Qal li d-diskors tieghu joghgbu ghax jerga jmur jisimghu darb'ohra.

Rat n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ipprezentati fl-atti.

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet, inkluz l-imputat fix-xhieda tieghu, jitkellmu fuq l-liberta tal-espressjoni kif protetta mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja, w ghalhekk il-Qorti thoss li hija fid-dmir li tghid xi tfisser il-liberta tal-espressjoni bil-limitazzjonijiet tal-istess dritt.

Illi d-dritt tal-liberta tal-kelma jew tal-espressjoni, hu llum wiehed li mhux biss jattira l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta, izda hu wiehed li wkoll hu rinforzat mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, liema konvenzjoni hi addirittura, parti ntegrali mill-ordinament guridiku taghna.

Illi 'in effetti, l-principju baziku tal-essenzjalita ta' dan d-dritt f'socjeta demokratika, gie postulat bi precizjoni fil-kaz **Handyside vs Renju Unit *[1976]***, meta l-**Qorti ta' Strasburg** sostniet is-segwenti:

*"Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of [a democratic] society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man ... it is applicable not only to information 'or' 'ideas' that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the state or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerence and broadmindedness without which there is no 'democratic society'. "*

Illi biex ghalhekk ikun jista jintlahaq dan l-ghan nobbli li hu meqjus tant essenzjali ghal armonija socjali, jinhtieg li jkollna gurnali u kitbiet, li tramite l-gurnalisti w il-kitbiet taghhom, jadoperaw l-isforzi taghhom mhux favur minn jalimenthom, izda biex jipplubblikaw ‘informazzjoni ‘ jew ‘idejat’ fuq kwalunkwe materja t’interess pubbliku, ghaliex hu dan, u dan biss, li hu ghal gid komuni.

Illi ghalhekk f’kaz ta’ konflitt, spetta ghal ordni gudizzjarja ndipendenti li ghandha l-oneru li tibbilancja, bi prudenza, b’ghaqal oggettiv u b’fermezza fejn mehtieg, l-interessi konfliggenti – f’dan il-kaz bejn l-imputat li jirritjeni li kellu d-dritt li jitkellem, kif effettivament tkellem, u l-prosekuzzjoni, li qed tizbanderixxi l-i*standard* tal-liberta tal-kelma.

Il-pubbliku ghandu d-dritt li ma jkunx offiz fil-persuna tieghu, fir-razza, fir-religjon u fil-kulur ta’ karnaggjon. Ghandu dritt li r-reputazzjoni u drittijiet tieghu jkunu protetti u min jattakka din il-komunita ta’ gid morali b’attribuzzjonijiet specifici, jrid almenu jipprova l-attribuzzjonijiet specifici li jaghmel, ghal inqas sostanzjalment, u jipprova l-allegazzjonijiet tieghu biex b’hekk ikun jista jehles mir-responsabbilitajiet tieghu quddiem l-ligi.

Illi ‘n oltre, l-assorbiment ta’ terzi innocent fl-artikolu sfrenat riskontrat, hu jghid kollox gratuwitu u kontra l-etika gurnalistika w ghalhekk jimmerita d-disprezz tal-qarrej oggettiv u ekwilibrat, anke ovvjament ta’ din l-Qorti.

L-imputat, gia awtur u gurnalist, uza certi kliem infelici fid-diskors tieghu w illum l-gurisprudenza pjuttost kostanti tal-Qrati Maltin, meta si tratta ta’ kliem li huma fihom nnifishom ingurjuzi, bhal dawk riskontrati fl-artikolu ‘n dezamina ‘Cataclysmic Crises’, indirizzati fil-konfront ta’ terzi li ghandhom twemmin religjuz differenti, twemmin politiku u idejat differenti, anke l-animo ingurjandi hu prezunt. [*Vide f’dan r-rigward is-segwenti decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell – Onor. Professur John Rizzo Naudi v Felix Agius et tas-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 2003, Avv. Dr. Louis Galea v Frans Ghirxi et tal-erbgha w ghoxrin ta’*

*Settembru 2004 u Dr. Sandra Caruana v Joseph Mifsud wkoll tal-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2004.*]

Illi 'n oltre, ghandu jigi ribadit wkoll kif jghid il-**Gatley *'On Libel and Slander' – Sweet & Maxwell [London] 1981 para 89 pg. 45-46:***

*"The question is not what the defendent intended, but what reasonable men, the circumstance in which the words are published, would understand to be the meaning ... the question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendent's intention, or the meaning in his own mind that makes the sense of the libel, but what is the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it."*

Ghalhekk jinghad li mhux rilevanti li l-Qorti tara x'kellu f'mohhu l-imputat meta tkellem bil-mod li tkellem, izda huwa t'importanza kbira li l-Qorti tipprova tiddixxerni dak li cittadin t'intelligenza ordinarja u normali, jifhem meta jaqra l-artikolu nkriminanti jew jisma l-imputat fid-diskors li jaghmel.

Illi l-imputat principalment huwa akkuzat bir-reati li johorgu mill-Kodici Penali u jittrattaw fuq s-suggett li pprova jqajjem mibgheda razzjali bil-kliem li uza fiz-zewg diskorsi li ghamel fix-xahar t'April u Mejju 2006 u fl-artikolu intestat 'Coming Cataclysmic Crises' li deher fuq l-*internet*.

Illi ghalhekk isegwi li din il-Qorti trid tara xi tfisser t-tifsira 'mibgheda razzjali'.

Il-Kodici Kriminali taghna ma jaghti ebda tifsira ghalkemm tali reat huwa wiehed gdid fil-Kodici Penali u fil-fatt, gurisprudenza lokali fuq dan l-artikolu tal-ligi u cioe l-artikolu 82A(1)(2) hija skarsa.

Jinghad li l-*guideline* ghat-tifsira tal-kliem 'mibgheda razzjali', hija dik misjuba fl-"International Convention on the Elimination of all forms of Racial Discrimination" li tipprovdi s-segwenti:

*"Any distinction, exclusion, restriction or preference based on race, colour, descent or national or ethnic origin, which has the purpose or effect of nullyfying or impairing the recognition, enjoyment or exercise on or equal footing of human rights and fundamental freedom in the political economic, social, cultural or any other field of public life."*

F'din l-istess konvenzjoni nsibu spjegazzjoni tal-kelma 'racism' u cioe "*a system of beliefs, held consciously or otherwise, alleging the inferiority of members of one supposedly biologically different groups to those of one's own group. It is therefore prejudice or animosity against people who belong to other races*" w ghalhekk, il-Konvenzjoni tkompli tghid "*Racial discrimination is any action which treats people differently in any manner because of prejudice about race – it is therefore the action that stems from the beliefs and prejudice of racism*."

Illi ghalhekk, fid-dawl ta'dak li ntqal aktar 'l fuq, il-Qorti trid tezamina d-diskors tal-imputat biex tara jekk b'dak li qal, hu kienx qed jippregudika t-twemmin ta' terzi persuni li ghandhom razza differenti minn tieghu.

Illi l-ewwel akkuza si tratta fuq diskors li sar fit-tlieta t'April 2006 fin-Nigret. Dwar l-fatt li dan d-diskors kif jidher fid-dokument 'E' esibit mill-espert Dottor Stephen Farrugia Sacco, ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni mill-partijiet dwar dak li ntqal mill-imputat, meta kellu udjenza gewwa n-Nigret. Il-partijiet u cioe d-difiza w il-prosekuzzjoni ma jaqblux li dak li qal l-imputat fih jammonta ghal tixrid ta' kliem jew imgieba ta' theddid abbusiv jew insulenti li jqajjem mibgheda razzjali.

Minn ezami akkurata ta' dan d-diskors jirrizulta li l-imputat ihares lejn n-nies li ghandhom religjon l-istess bhala nies li jinstigaw t-terrorizmu. Jghid li l-Inglizi gewwa l-Ingilterra, jibzghu jmorru l-isptar pubbliku ghaliex l-infermiera w it-tobba huma Musulmani, u dawn in-nies taw in-nar lil *underground system*. Jghid fil-fatt li m'hemmx raguni l-ghala m'ghandhomx jinfettaw in-nies billi jpoggu velenu fid-*drip* taghhom, jikkontaminaw l-ikel fl-isptar u li

jraqqdhom b'anastesija – insomma fi ftit kliem jghid li l-pazjent jiddependi fuq l-hniena taghhom.  Jenfasizza li r-religjon taghhom tghidilhom biex jobghodu lil ghadu taghhom.

Aktar tard jghid li qeghdin nitilfu l-pajjiz taghna ghaliex il-pajjiz hu bla tmun u bla rghaj.  Jaghti ezempji koroh li sehhew f'pajjizi ta' reati kommessi minn nies li jinzammu fid-Detention Centre tal-Marsa u cioe kaz ta' serq ta' gizirana u ta' tfajla li giet stuprata minn ragel ta' karnaggjon samrani.  Jaghmel referenza wkoll ghal fatt li t-tfal tal-Afrikani huma nfettati bl-AIDS u li t-tfal Maltin ser jigu nfettati b'din il-marda qerrieda wkoll.  Isemmi l-incident meta barrani u cioe indikazzjoni ghal ragel mizmum fid-Detention Centre kien dahal fi knisja u kisser Kurcifiss.

Il-Qorti semghet s-CD esibita u fl-isfond semghet wkoll c-capcip ta' min kien presenti jisma dan d-diskors.

Jghid wkoll li hemm bzonn li nnaddfu lil pajjiz taghna u dan billi jkollna pajjiz li ma jkollux refugjati fih.  B'hekk indika, jew ta x'jifhem, li l-pajjiz hu mahmug ghax ghandu dawn in-nies jghixu go fih.  Il-hin kollu jghid li Malta ha tigi f'idejn in-Negri.

Illi ma hemmx dubbju li f'ghajnejn l-individwu b'intellett normali w ordinarju, dan il-kliem u referenzi jammontaw ghal imgieba ta' theddid abbusiv w insulenti li tqajjem mibgheda razzjali.  Tqajjem kuxjenzi li huma differenza bejn r-razza Maltija u dik tal-barrani pero dan b'mod dispreggjattiv.

Illi t-tieni akkuza tittratta fuq diskors li sehh fit-tmienja ta' Mejju 2006 din d-darba f'San Pawl il-Bahar [Dok. F esibit minn Dottor Stephen Farrugia Sacco].  Il-Qorti semghet is-CD esibit mill-prosekuzzjoni u rat li l-imputat kellu udjenza waqt li qal dan l-istess diskors u fil-fatt l-imputat ma jichadx li dan d-diskors huwa tieghu u lanqas li kellu udjenzi.  Fil-fatt huwa jipprova jiggustifika dak li qal mhux t-ton tal-kliem li uza izda c-cirkostanza ta' kif inghadu dan l-kliem.  Huwa jitkellem fuq il-festa tal-haddiem u jghid li

ahma m'ghandniex niccelebraw din il-festa anzi hija festa falza, ghaliex minflok li ntejjbu l-kundizzjonijiet tax-xoghol, qeghdin nimpjegaw nies gejjin mis-Sahara fl-Afrika biex jghamlu xi xoghol tal-Maltin. Jipprova jirredikola lil Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta billi jghid li huwa President tal-Afrikani. Jipprova wkoll jizzufjetta bl-addozzjoni ta' tfal mill-Afrika – jghid li ma jixtieqx li t-tfal tieghu jimpikaw ma tfal mill-Katanga u mill-Mozambique.

Illi ma hemmx dubbju li min isegwi dawn d-diskorsi, minnufih jinduna li l-imputat qed jipprova jirredikola n-nies li jigu mill-Afrika u certament jitfa dell fuqhom ghad-differenza tal-Ewropej. Zgur li dan t-trattament huwa wiehed razzjali u jaqa fil-parametri tal-artikoli tal-ligi moghtija mill-Avukat Generali.

L-imputat huwa akkuzat wkoll li xerred mibgheda razzjali fl-artikolu minnu citat bhala 'Coming Cataclysmic Crises', pero l-imputat jghid li huwa ma kellux l-intenzjoni li jaghmel hekk, izda li jaghti twissija ghal dak li kien ser jigri f'pajjizna u cioe l-invazjoni tal-Musulmani.

Illi l-imputat issejjah n-nies ta' twemmin Islam bhala 'rodents' – kelma dispreggjattiva ghal ahhar. Jghid li l-pajjiz tal-Israel kien qed jippromwovi l-infiltrazzjoni tal-immigranti llegali u nies mill-Afrika ta' fuq jidhlu fil-pajjizi Taljani u sahansitra jimmanipulaw t-terrorizmu u li gew mill-pajjizi tal-Gharab. Jghid li ghandna nippromwovu l-gwerrer kontra il-'*wags*' u mhux bejn in-nies bil-karnaggjon abjad [*whites*]. Jghid li ghandna ninstigaw il-guh u l-mard f'dawk il-pajjizi fejn ma hemmx nies bil-karnaggjon abjad. Jghid li l-gwerra ghandha tkun ezercizzju ghad-difiza bajda biex telimina d-debolli u l-fjakk fir-razza. Jghid li l-gwerra ghandha tkun '*clean up*' kontra r-razza nferjuri. Jghid ukoll li l-ispazju ghandu jkun riservat ghal bojod ghaliex hija razza *pioneering*.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-artikolu ghalkemm veru jirrifletti l-vizjoni tal-awtur tieghu, u cioe tal-imputat li zgur hi vizjoni razzista w infelici kontra nies b'karnaggjon skur, jeleva lin-nies b'karnaggjon abjad ghad-detriment tar-

razzez l-ohra li hu jikkonsidra razzez inferjuri u li ghandhom jigu eradikati.

Ma hemmx dubbju li dan l-artikolu wkoll huwa wiehed li jirrifletti l-mibgheda razzjali li ghandu l-imputat.

Fl-ahhar, l-imputat huwa wkoll akkuzat talli ngurja jew insulenta jew maqdar lil Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta f'San Pawl il-Bahar nhar t-tmienja ta' Mejju 2006.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi n' kwistjoni u cioe l-artikolu 72 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u rat li l-kliem tal-ligi huma s-segwenti:

*"Kull min juza kliem, eghmil jew gesti li jingurja, jinsulenta jew imaqdar lil persuna tal-President ta' Malta, inkellha jiccensura jew b'nuqqas ta' qima, jsemmi jew jirrapprezenta lil imsemmi President ta' Malta bi kliem, sinjali jew b'rapprezentazzjonijiet vizibbli, jew b'xi mod iehor mhux kontemplat fil-ligi tal-istampa ..."*

Illi ma hemmx dubbju li dak li qal l-imputat fil-konfront tal-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta, ma jammontax ghal ingurja jew insulti jew tmaqdir kif sostniet il-prosekuzzjoni, izda jammonta ghal nuqqas ta' qima u rispett u dan meta l-imputat jghid li l-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta jippoza ghar-ritratti ma xi tfajjel li ser jigi addottat mill-Kenja jew Nigerja, ghaliex huwa ma jaqbilx mat-trattat tal-IVF. Jipprova wkoll iwaqqghu ghaz-zufjett billi jindikah bhala l-Eccellenza Tieghu l-President tal-Afrikani. Jghid wkoll li hu gardinar, ghaliex izomm l-gonna ta' San Anton fi stat tajjeb hafna. Dan il-kliem zgur li mhux xieraq u m'ghandhux jigi ndirizzat lejn il-kariga ta' President ta' pajjiz.

Illi l-prosekuzzjoni naqset li tesibixxi l-fedina penali tal-imputat w ghalhekk iil-Qorti ser tittratta mieghu bhala li *a first time offender*.

Il-Qorti tqis l-akkuzi ‘n kwistjoni ta’ Tixwix ghal mibgheda razzjali u Disprezz lejn il-President ta’ Malta bhala dawk ta’ natura serja hafna. Il-Qorti thoss illi ghandha tipprotegi r-razzez kollha li jinsabu f’pajjizna, anke dawk li jinsabu f’minoranza, u dan ghaliex hija ghandha tipprotegi kull cittadin tal-pajjiz, irrispettivament mill-kulur, razza jew religjon. L-akkuza kontra l-Eccellenza Tieghu il-President ta’ Malta hija serja ghaliex tista tikkreja kaos w instabilita fil-pajjiz.

Illi r-reat kif dispost fl-artikolu 82 tal-Kodici Penali jgib piena, f’kaz li jirrizulta, ta’ prigunerija minn sitt xhur sa tmintax il-xahar filwaqt li r-reat naxxenti mill-artikolu 70 jippreskrivi piena ta’ bejn xahar sa tlett xhur, oltre l-multa.

Issa l-ewwel tlett akkuzi huma ddentitici, u cioe kollha naxxenti mill-istess Artikolu 82A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w ghalhekk huma nkorporati f’xulxin u japplika l-Artikolu 18 ghar-reati kontinwati u b’hekk il-piena tista tizdied bi grad jew zewg gradi.

L-artikolu 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jipprovdi wkoll li persuna hatja ta’ zewg delitti jew izjed (kif inhu l-kaz odjern) li jaqghu taht pieni li jnaqqsu l-liberta personali, tigi kkundannta ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi b’zieda minn terz sa nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehuda flimkien.

Ghalhekk, il-piena ta’ tmintax il-xahar ghandha tizdied ma nofs il-piena l-ohra, u cioe xahar u nofs, sabiex b’hekk, il-piena twassal ghall-ghoxrin xahar u nofs, minghajr l-applikazzjoni tal-Artikolu 18. Bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18, il-piena, jekk tizdied bi grad, tlahhaq minn tmintax il-xahar sa tlett snin, u jekk tizdied bi zewg gradi, tlahhaq ghal piena ta’ sentejn sa erba’ snin.

Ghalhekk il-massimu li jista jinghata l-imputat, oltre l-multa, hija piena karcerarja ta’ erbgha snin.

Kwantu ghall-aspett ta’ piena, l-Qorti tosserva li storikament l-element tad-deterrent, flimkien ma dak tar-retribuzzjoni, huma kkusidrati fost l-iskopijiet principali tal-piena. Fil-fatt fis-seklu tmintax, studjuzi famuzi bhal **Cesare Beccaria** fl-Italja, **Jeremy Bentham** fl-Ingilterra u **PJA Von Feuerbach** fil-Germanja, tlett esponenti ewlenin fl-iskola tax-xjenza tal-kriminologija, bbazaw it-teorija taghhom ta’ delitti u pieni, fuq il-kuncett ta’ deterrent generali.

Kif jillustraha **Johanes Andeneus** (***Encyclopaedia of Crime and Justice***, Volume 2 taht il-voce Deterrence p 5592):

*“The central idea was the threat of punishment should be specified so that in the mind of the potential law breaker, the fear of punishment would outweigh the temptation to commit the crime. The penalty should be fixed by law in proportion to the gravity of the offence.”*

Dawn l-istudjuzi, pero rarament ikkunsidraw l-aspett tal-effetti morali tal-ligi kriminali, mentri effettivament, dan l-aspett huwa wiehed minn dawk importanti, billi l-ligi kriminali mhux biss skala ta’ dellitti u pieni f’sens astratt, izda hija essenzjalment espressjoni tad-disapprovazzjoni tas-socjeta ghal certa imgieba.

Fis-seklu li ghadda pero fl-ewwel parti ta’ dan, spikkat l-importanza ta’ dak li hu komunement maghruf bhala ‘*treatment and rehabilitation*’ ta’ min ikun kiser il-ligi. F’dan il-process, sfortunatament kien hemm ukoll minn beda jemmen li l-element tad-deterrent huwa ineffikaci, anki jekk effettivament ebda sistema legali m’abbandunat il-kuncett tad-deterrent bhala wiehed mill-aspetti nerenti ghall-piena fis-sistema penali. Illum, specjalment wara is-snin sittin, l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent reggha beda jigi studjat u ricerkat u fil-fatt illum hemm l-iskola neo klassika fix-xjenza kriminologika, li taghti mportanza ghall-aspett tad-deterrent, ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi ezemplari li aktar milli jistghu jservu bhala deterrent ghal

haddiehor, ghandhom effett li jippunixxu lill-hati b'certa severita li taht kull cirkostanza, ma tista hlief tigi kunsidrata ecessiva, precizament ghax trid issevi ta' ezempju ghal haddiehor.

In realta s-severita tal-piena ghal dk li huwa deterrent, hija espressa fil-mizura tal-piena li tistabilixxi il-ligi stess u fejn hemm minimu u massimu, dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza u timmizura l-gudizzju taghha, tenut kont tal-fatti specie u gravita partikolari tal-kaz, tac-cirkostanzi relattivi ghall-hati, u ta' fatturi u cirkostanza ohra li, fix-xjenza kriminologika u dik ta' penologija, huma accettati bhala li ghandhom jindirrizaw lill-Qorti tiddecidi kif ghandha titratta mal-individwu li jkun instab hati.

Il-piena pero m'ghandhiex tkun mizurata b'mod illi il-hati jhallas b'piena akbar biex iservi ta' ezempju ghal haddiehor.

**Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 72, 82A(1)(2), 31, 32, 20 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat NORMAN LOWELL hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn pero bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tissospendi l-operat taghha ghal perjodu ta' erbgha [4] snin u b'hekk din il-piena ghandu jkollha l-effett ta' mannara sabiex l-imputat jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur.**

**Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt euro (Euro 500).**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes involuti fil-hatra tal-espert Dottor Stephen Farrugia Sacco (fol 114) u dan fl-ammont ta' tmienja w tletin Euro [€38] u dan fi zmien xahar mill-lum u fin-nuqqas, tali somma**

**tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €11.65 dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------